KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

NEWSPAPER POST

# L-ANZJANI LLUM

**Nru. 94** **April - Ġunju 2019**



# INDIRIZZ
## MIS-SUR ANTHONY MULÈ STAGNO
### President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani
### Waqt l-ASSEMBLEA ĠENERALI ANNWALI
### Li saret fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, fis-16 ta' Marzu 2019

Għaddiet sena oħra u erġajna ġejna hawn biex nagħmlu dak li rridu nagħmlu kull sena. Anzi din id-darba jmiss ukoll dak li nagħmlu kull sentejn, *cioe* li naħtru Kunsill Ġdid. Kif x'uħud minkom jafu dan il-proċess diġa bdejnieh ix-xahar l-ieħor meta, skont l-Istatut, eleġġejna 4 membri mill-Għaqdiet Affiljati magħna, dawn huma Attard Saviour, Bonnici Peter Paul, Micallef Godwin C, u Anthony Mulè Stagno. Illum imiss li neleġġu l-aħħar tnejn għal fuq il-Kunsill, dan minbarra dawk il-membri li jiġu maħtura direttament li għal dawn is-sentejn li ġejjin ser ikunu: Bonnici John P u Sammut Carmelo mill-Gvern, Aquilina Doris u Mallia Alfred mill-Għaqdiet tal-Knisja, De Giovanni Anthony u Deguara Anthony mill-Partiti Politiċi rappreżentati fil-Parlament u Mizzi Mary Ann mill-Għaqdiet t'Għawdex.

Nawgura lil dawn kollha u lit-tnejn l-oħra li ser jiġu Eletti llum ħidma fejjieda fis-sentejn li ġejjin b'riżq l-anzjani tagħna.

Ma nistax ma' nsemmix b'sodisfazzjon kbir il-ħidmiet li kellna matul din is-sena u li kont wegħedtkom minn hawn stess is-sena l-oħra. Żewġ ħidmiet li żgur jibqgħu minquxa fl-istorja tal-Kunsill huma l-Konferenza Nazzjonali, li kontra kull tbassir kienet suċċessun kemm fl-attendenza u kemm fil-parteċipazzjoni u l-Wirja ta' Arti w Artiġjanat li barra mill-parteċipazzjoni ta' numru sabiħ ta' esibituri, tant li fl-aħħar kellna anki nirrifjutaw lil xi wħud, kellna wkoll attendenza numeruża ta' viżitaturi, tista tgħid mid-dinja kollha. Ta' dawn iż-żewġ suċċessi ma nistax ma nirringrazzjax lill-Membri kollha tal-Kunsill speċjalment liż-żewġ kumitati organizzativi, lis-Segretarja Amministrattiva, Marica Attard-Cassar, lis-Segretarjat Parlamentari tagħna u l-Ministeru li tawna l-post u sibnihom f'kull ma kellna bżonn. Imma l-anqas irrid ninsa lill-akbar sponsor li sibna, Allied Consultants, li organizzawlna l-kampanji ta' publiċità u silfuna it-Televixin għall-waqt il-wirja, kollox *senza nteressi*.

Ħaġ'oħra li jien tassew sodisfatt li temmejna b'suċċess hija r-reviżjoni tal-istatut li lestejnieh u llum qegħdin tarawh f'idejkhom, anki ta' dan nixtieq nirringrazzja l-Kunsill kollu li ħa sehem fit-twettieq tiegħu, b'mod speċjali lis-sotto kumitat li waqqafna biex jieħu ħsiebu u lill-għaqdiet affiljati li tawna l-ideat tagħhom.

Ħsieb ieħor li kont qsamt magħkom kien li nixtieq li jkollna grupp ta' voluntiera biex jgħinuna fix-xogħol tagħna. Dan għad li għadu ma ser xejn formalment fuqu, imma nistgħu ngħidu li filfatt ġa beda jseħħ. Bi pjaċir ninfurmakom li barra minn eks membru tal-Kunsill li kienet fuq il-kumitat organizzativ tal-wirja, li ġa semmejt qabel, għandna wkoll lill-Editur tal-publikazzjoni tagħna, L-Anzjani Llum, li għad li rriżenja mill-Kunsill xorta baqa' jieħu ħsieb dan il-fuljett, u membru oħra li ġiet mibdula bħala rappreżentanta tal-Gvern li xorta baqgħet tagħmlilna l-qari tal-provi. Anki lil dawn nixtieq nirringrazzjahom tax-xogħol li baqgħu jagħmlu u li huma nukleu li fuqu nistgħu nibnu grupp ta' voluntiera aktar formali.

Għas-sentejn li ġejjin jaf jintagħżlu uffiċjali ġodda, inkluż jien innifsi, għalhekk ma nista nwegħedtkom xejn imma nista nuri biss ix-xewqat tiegħi. Nixtieq nara jitkompla dak li bdejna ftit ilu, jew kollaborazzjoni ma' għaqdiet oħrajn biex fejn hemm interessi komuni inkunu nistgħu niġbdu ħabel wieħed. Dan ġa bdejnieh mas-CRPD u nispera li naraħ jitkompla u jissaħħaħ.

Xi ħaġa li jmissna nagħmlu wkoll din is-sena hija laqgħa mal-għaqdiet affiljati magħna biex flimkien infasslu pjan ta' azzjoni għas-sentejn li ġejjin.

Ma nistax insemmi wisq iżjed minħabba dak li għadni kif semmejt, imma nixtieq ukoll li nara l-konsolidazzjoni tal-għaqda, jew sejħila li trid, tal-Voluntiera fi ħdan il-Kunsill.
U nagħlaq billi niżżiħajr lil dawk kollha li kienu magħna u m'għadhomx ta' kemm ħadmu u rsistew kemm damu magħna. Ħajr lill-Kunsill kollu preżenti li dejjem sibthom lesti biex jagħtu semhom f'kull inizjatttiva u ta' għajnuna u sapport għalija. Imma ma nistax nagħlaq mingħajr ma' nrodd ħajr lis-Segretarja Amministrattiva, Marica Attard-Cassar li, barra milli fejn ġa semmejtha qabel, tagħti dejjem semha u aktar biex tgħin kull fejn ikun hemm bżonn; forsi l-ewwel fost il-Voluntiera li qegħdin infittxu. U fl-aħħar nett nirringrazzja lilkom, anzjani tagħna li mingħandkom dejjem sibna appoġġ.

# Kristu l-Mislub..........ħsibijiet

Poeżija ta' Julia Curmi Cassar mis-Siġġiewi



Min hu dak l-imdendel mhux iżjed maħbub,
imsawwat u mbenġel, mal-ħżiena mislub?
Hu Kristu dal-bniedem fl'ispirtu miġrugħ,
bil-bewsa ta' Ġuda ġie minnu mibjugħ.

Għax ġejt hekk imkasbar, O Kristu maħbub;
fuq għuda, immsammar mill-poplu mislub?
Fuq għolja, imperreċ ħallewk  sa ma tmut;
wisq qalbek maqsuma meqjus bħal fallut!

U, wieqfa ħdejk, ommok imgewżra f'dulur;
Int ridtha tkun ommna għax tħobbna taf żgur.
Laqgħetek fi ħdana, O Kristu maħblub
imbiċċer u mejjet għax hekk  kien miktub!

Tkun farsa li kieku mil-mewt bqajt maħkum!
Imm' Int qomt mill-qabar u ma bqajtx midfun.
O Kristu, b'rieditek, il-Fidwa tlestiet;
għalina ftaħt beraħ il-bieb tas-Smewwiet.

**IL-PRESIDENT**
**FLIMKIEN MAL-MEMBRI**
**TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI**
**JAWGURAW LILL-ANZJANI**
**KOLLHA L-ISBAĦ XEWQAT**
**GĦALL-GĦID IL-KBIR**



**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mulè Stagno

**Proof Reader:**
Renee Laiviera

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony Mulè Stagno

**Viċi President:**
Saviour Attard

**Segretarju:**
Anthony Deguara

**Ass. Segretarju:**
Maurice DeGaetano

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Segretarju Internazzjonali u PRO:**
Peter Paul Bonnici

**Membri:**
Doris Aquilina
John P. Bonnici
Lino Debono
Dr. Anthony De Giovanni
Mary Ann Mizzi
Carmelo Sammut
Andrew Caruana Co-Opted

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# EDITORJAL



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Meta kont żgħir, kont nattendi l-Azzjoni Kattolika. Illum, ma rridx ngħid li jiddispjaċini li ma kontx immur il-Mużew, minflok l-Azzjoni Kattolika, bħal ħafna tfal oħrajn ta' żmieni, għax, fil-fatt, ma jiddispjaċini xejn għax inħoss li, f'Palazzo Carafa, għamilt ħafna ħbieb, li għadni ħbieb magħhom sal-lum stess, kif ukoll ħadt bosta esperjenzi sbieħ u anki utli għall-ħajja. Imma, kieku kont immur il-Mużew, kien ikolli x-xorti u l-privileġġ li niltaqa' ma' u nisma' l-kelma tal-uniku qaddis Malti (s'issa) San Ġorġ Preca. Meta niftakar li, matul l-ewwel sittax-il sena ta' ħajti, San Ġorġ Preca kien għadu ħaj u jien qatt ma messitni x-xorti li niltaqa' miegħu inħoss għafsa ta' qalb kbira. L-istess ħaġa ġratli fil-kaz ta' saċerdot twajjeb ieħor, il-Poeta Nazzjonali, il-Monsinjur Dun Karm Psaila; ieħor dan li ħalliena fl-1961, meta jien diġà kelli sittax-il sena, imma li qatt ma kelli x-xorti niltaqa' miegħu personalment u, l-istess, illum, din il-ħaġa nqisha bħala opportunità mitlufa.

Illum irtirat mix-xogħol u qed immur il-mużew. Anzi, qed immur iktar minn mużew wieħed għax, fejn qabel qajla kont insib ċans nidħol, u noqgħod indur, ġo xi mużew, illum għandi l-ħin immur u ndum kemm irrid. U dort il-mużewijiet kollha li għandna f'din in-naqra ta' gżira, tafux. Mill-Mużew Nazzjonali u l-Mużew tal-Arti sal-Mużew Marittimu u dak tal-Katidral. Kollha, minbarra dak tal-*Verbum dei caro factum est* u, allura, bqajt ma ltqajtx ma' San Ġorġ Preca.

U issa għandna l-Muża; mużew ġdid li qiegħed fl-*Auberge d'Italie*, fi Strada Merkanti, fejn, fi żmienna, kien hemm l-Uffiċju tal-Posta, biex niftiehmu; li reġgħet infetħet dan l-aħħar wara perjodu twil ta' restawr. Fih hemm miġburin ħafna mit-teżori artistiċi li għandna f'pajjiżna; ħafna minnhom, li kienu għadhom ma sabux posthom f'mużew qabel. Hemm ukoll diversi abbozzi tal-iskultur famuż Malti, iż-Żebbuġi, Antonio Sciortino. Żgur li huwa ta' min iżuru. Inizzjattiva ħelwa tħabbret ukoll dan l-aħħar li, permezz tagħha, in-neputijiet tagħna jistgħu jidħlu b'xejn u, mhux biss, imma, magħhom, kull wieħed minnhom, jista' jdaħħal sa żewġ anzjani li jidħlu miegħu jew magħha b'xejn ukoll. Inizzjattiva bħal din tgħin mhux ftit biex tħajjar kemm iktar tfal kif ukoll kbar iżuru l-mużewijiet tagħna. Aħna, meta nkunu barra minn Malta, nuru ċerta ħeġġa biex inżuru l-*British Museum*, is-*Science Museum*, il-*Victoria and Albert Museum*, il-Mużew tal-Vatikan, il-*Louvre* u anki l-*Prado*. Allura tagħna għax le?

U, la qed nitkellmu fuq il-mużewijiet, mel' isimgħu din. Wieħed bidwi ma kienx jidħol il-Belt ħlief darba kultant għal xi qadja. Meta kien jgħaddi minn quddiem il-Mużew Nazzjonali fi Triq ir-Repubblika, b'dik il-faċċata imponenti bil-kolonni eċċetra, kien jieqaf iħares skantat. Dejjem xtaq jidħol jarah imma qatt ma sab il-ħin. Darba daħal il-Belt għalxejn, għax ma nqediex, u fettillu jaqta' ż-żarda u jidħol idur dawra l-Mużew. Beda fl-ewwel taqsima; dik dwar il-Preistorja. Fost kollox, ra skeletru uman. Dam ftit iħares lejh u, meta resaq lejh wieħed mill-kustodji tal-Mużew, staqsieh għaliex kien qiegħed hemm. "Dak skeletru ta' raġel li kien jgħix hawn Malta kważi għaxart elef sena ilu!" qallu l-kustodju b'ċerta solennità. Ħdejn l-iskeletru, kien hemm tabella li fuqha kien hemm miktub 7500 B.C. "Illaħwa," qallu skantat il-bidwi; "anki n-numru tal-karozza li qatlitu għandkom?"

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI li saret fis-16 ta' Marzu 2019

# RAPPORT AMMINISTRATTIV TAS-SENA 2018



Il-laqgħat tal-Kunsill dejjem baqgħu jsiru kull l-ewwel Tnejn ta' kull xahar fl-Uffiċċju tal-Kunsill B'Kara. L-ewwel laqgħa tal-Kunsill għas-sena 2018/2019 inżammet nhar it-Tnejn 2 t'April, 2018. Eċċezzjoni kienet il-laqgħa t'Awissu, ma saritx għax ma sibniex ġurnata li jintlaħaq kworum. L-attendenza tal-Membri għal-laqgħat matul is-sena kienet tajba (ara Appendiċi A).

Din is-sena kellna diversi riżenji minn Membri tal-Kunsill. Ir-riżenja tas-Sur Vincent Piccinino minħabba raġunijiet ta' saħħa, u li postu fuq il-Kunsill ħadu Dr. Anthony De Giovanni maħtur mill-istess Għaqda tal-Veterani Laburista skont l-Istatut. Is-Sur Piccinino offra li kien lest li jibqa' jagħmel ix-xogħol ta' editur tal-*magazine, L-Anzjani Llum* għax dak huwa xogħol li jista' jagħmlu bil-kwiet mid-dar b'kollaborazzjoni u appoġġ sħiħ tal-Bord Editorjali. Il-Kunsill aċċetta din l-offerta. F'Diċembru ta' 2018 kellna wkoll ir-riżenja, tas-Sur Adrian Cutajar, minħabba raġunijiet personali. Hu kien qed jirrappreżenta l-Għaqdiet tal-Knisja u kien ġie maħtur fuq il-Kunsill fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 2017, għalhekk avviċinajna lil Kurja biex jintela postu. Peress li din is-sena tmiss l-Elezzjoni għall-Kunsill tal-Anzjani Ġdid, iddeċiedew li jaħtru persuna f'dak iż-żmien. Kellna wkoll ir-riżenja taż-żewġ membri nominati mill-Gvern li n-nomina tagħhom għalqet fl-aħħar ta' Diċembru 2017, dawn kienu s-Sur Anton Cremona u s-Sinjura Renee Laiviera. Posthom ġew meħuda mis-Sur John P. Bonnici u s-Sur Carmelo Sammut. Is-Sinjura Laiviera offriet ukoll li kienet lesta li tibqa' tagħmel ix-xogħol ta' *Proof Reader* tal-Fuljett 'L-Anzjani Llum', u l-Kunsill aċċetta din l-offerta b'appoġġ sħiħ milll-Bord Editorjali. Nixtieq minn hawn niżżi ħajr lil dawn il-persuni tas-sehem tagħhom fuq il-Kunsill.

Tul dan il-perijodu sar ħafna xogħol fejjiedi mill-Membri tal-Kunsill sabiex naraw kif dejjem intejbu il-kundizzjonijiet fejn jirrigwardja l-ħarsien u l-bżonnijiet tal-anzjani, kif ukoll il-pensjonijiet tal-Anzjani Maltin u Għawdxin. Forsi ta' min ifakkar li x-xogħol tal-Kunsill isir b'sagrifiċċju u responsabbiltà kbira u fuq bażi volontarja. Kellna diversi attivitajiet kemm lokali u kemm barra minn Malta, speċjalment fi Brussell. Il-Kunsill huwa Affiljat mal-Għaqda tal-*AGE Platform Europe* fejn Saviour Attard hu wkoll membru fil-Kunsill ta' din l-istess Għaqda. Membri oħra mill-Kunsill li huma nominati bħala Esperti fuq l-*AGE Platform Europe* kellhom bosta korrispondenza u laqgħat fejn attendew u taw sehemhom għal-laqgħat anki fi Brussell.

Kellna wkoll kuntatti mal-Onor. Michael Falzon, Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali, diversi laqgħat mal-Onor. Anthony Agius Decelis, Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Disabilità u Anzjanita' Attiva, u mal-Onor. Dr. Maria Deguara, *Shadow Cabinet* kelliema tal-Oppożizzjoni dwar Anzjanita' Attiva, Persuni b'Disabilita' u l-Ġlieda kontra d-Dipendenzi u l-Vizzji. Laqgħat oħra mal-Kap tal-Partit Demokratiku, Dr. Anthony Buttugieg, li flimkien miegħu ġie wkoll Dr. Godfrey Farrugia, mal-MEP's, Dr. Francis Zammit Dimech, Mrs. Marlene Mizzi, Dr. Roberta Metsola. Fejn fost taħditiet neċessarji tajnihom il-Lista ta' Proposti li għamel il-Kunsill.

**Fost laqgħat oħra l' attendejna u ħadna sehem attiv fihom huma:**

*Attivitajiet mill-Gvern*, mill-Partit Laburista, l-Partit Nazzjonalista u mill-AGE Platform. Attendejna ukoll laqgħat Ġenerali Annwali ta' Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, kif ukoll l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-*AGE Europe* fi Brussell u diversi *Seminars*, Konferenzi, *Business Breakfast* ta' diversi entitajiet, u taħditit ġewwa Malta. *Irrispondejna diversi Questionnaires* kemm f'malta kif ukoll ta' barra minn

Malta.
Laqgħat oħra kienu mall-Active Ageing, mall-*Malta EU Steering & Action Committee (MEUSAC),* mall-*Malta Council for Economic and Social Development* (MCESD), man-*National Commission for the Promotion of Equality (NCPE)*, tal-*Aging with Dignity* tal-*President's Foundation.* Għat-tnedija għal-Premju Anzjanità Attiva, kif ukoll għall-Premju Anzjanità Attiva 2018. Għall-Quddiesa, organizzata mill-*Caritas*, fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjani, għall-Pre-Budget 2019.

Ħidmiet:
• Anthony Mulè Stagno ġie mistieden biex jagħmel diversi taħditiet tul is-sena lill-Għaqda tal-anzjani tal-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Birkirkara.
• Peter Paul Bonnici attenda għal-Laqgħa ġewwa Brussell fuq *COST/ROSE net* u *Task Forces* fuq *Poverty & Social Inclusion*
• Peter Paul Bonnici attenda għal *Annual Women's Day – We Lead Together* tan-Nisa Laburisti.
• Peter Paul Bonnici attenda laqgħa fuq *Citizens' Dialogue on the EU Budget (Multiannual Financial Framework) and the Future of Europe.*
• Saviour Attard ipparteċipa fuq il *webinar on older people's human rights at United Nations*
• Anthony Mulè Stagno kellu Korrispondenza mat-Task Force dwar 'My Expertise'
• Anthony Mulè Stagno, Anthony Deguara u Peter Paul Bonnici attendew għall-Preżentazzjoni tar-Rapport li għamlu il-Kumpanija PKF rigward il-Pensjonijiet, il-Poverta u Esklużjoni Soċjali.
Anthony Mulè Stagno ġie mistieden għal-programm 'Skjetti' is-suġġet kien 'In-nanniet ta' żminijietna u x'irwol għandhom in-nanniet fil-familja'.
• Saviour Attard ippreżenta l-materjal tal-*QUESTIONNAIRE ON APPLICATION OF COUNCIL OF EUROPE*
• Peter Paul Bonnici bagħat Press Release lil Gazzetti lokali rigward 'Direttiva għal Bilanċ bejn Xogħol u Ħajja'. Bagħat ukoll lil Philippe Seidel Malta's Feedback *Proposal:* li rċieva minn għand l-Onor. Evarist Bartolo, Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol rigward din id-direttiva.
Anthony Mulè Stagno attenda laqgħa tal-*Stakeholders' Consultation on the National Strategy for Electronic Payments with Consumers.*
• Saviour Attard attenda għal-Konferenza – *Socjal Realities in Malta*
• Saviour Attard qassam il-*Mainfesto for European Pariament Elections 2019 – Achieving equal Rights and Dignity for Older Persons li rċievejna minn għand l-AGE Platform Europe* lil MEPs ta' Malta kollha kif ukoll li Seg. Par. Agius Decelis u lil-Prim Ministru ta' Malta.
• Doris Aquilina attendiet għal *Public Consultation* rigward Carers - biex niproteġu lill Anzjani u li l-Carers ikunu gradwati għax-xogħol tagħhom. Qeda ssir problema li jinstabu carers għal-anzjani u għalhekk qed jiġu impjegati Phillipini u Indjani.
• Anthony Mulè Stagno, Saviour Attard, Anthony Deguara u Caruana Andrew attendew għal Participation in Research Project – FXB Building Qormi.
Savoiur Attard attenda għal-Kunċert u l-Quddiesa ta' Jum l-Indipendenza.
• Saviour Attard u Peter Paul Bonnici attendew għal Pre-Budget 2019 Consultation Business Breakfast imtella' mill-Ministeru tal-Finanzi.
• Savoiur Attard, Peter Paul Bonnici u Anthony Deguara attendew għall-Quddiesa li l-Caritas Malta torganizza kull sena fil-Jum Dinji tal-Anzjani.
• Anthony Mulè Stagno, Anthony Deguara, Peter Paul Bonnici, Doris Aquilina u John Bonnici attendew għaċ-Ċerimonja tal-għoti tal-Premju Anzjanità Attiva 2018.
• Savoiur Attard u Peter Paul Bonnici attendew għall-*Business Event* rigward il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
• Anthony Mulè Satgno kiteb fuq il-*Budget Reactions* u deheret fuq il-gazzetta Indipendent tal-Ħadd, 27 ta' Ottubru 2018.
• Saviour Attard attenda għall AGE Council Meeting, kif ukoll għal *COST Action on Ageism Final Conference* ġewwa Brussel.
• Savoiur Attard attenda għaċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' Radd il-Ħajr, f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif ta' Caritas Malta.
• Savoiur Attard attenda għall-Konsultazzjonijiet maċ-ċittadini bit-tema, 'Għid tiegħek dwar l-Ewropa' li ġiet organizzata mill MEUSAC.
• Saviour Attard attenda għal quddiesa tal-okkażjoni ta' Jum it-Tifkira.
• Doris Aquilina ġiet mistiedna mill-MEUSAC biex tmur Brussel għal-Seminar ta' ġurnata bl-isem 'What Europe can do for the Citizens'.
• Doris Aquilina, Anthony Deguara u Andrew Caruana attendew għal Konferenza 'International Institute on Ageing United Nations Malta', li ġiet imtella mid-*Department of Gerontology Faculty for Social Wellbeing, University of Malta.*
• Il-President Anthony Mulè Stagno flimkien mal-Eżekuttiv tal-Kunsill attendew f'diversi ġranet biex jagħtu l-Awguri tal-Ewwel tas-Sena.
• Irċievejna minn għand Dr. Raymond Xerri – *Director, Directorate for Maltese Living Abroad,* li tittratta fuq Implementation of Cabinet Memo 132/XIII/17 – Early Warning / Maltese Living Abroad in each Government Ministry and Certain Entities. Fejn id-Direttorjat xtaq li żewġ membri mill-KNA jkunu fuq dan il-Kumitat. Waqt il-Laqgħa tal-Kunsill ġie deċis li Anthony Mulè Stagno jkun l-Uffiċjal Nominat u Doris Aquilina tkun bħala Uffiċjal Sostitut.

• Tul is-sena saru ħafna Sotto-Kumitati bejn il-membri biex jaħdmu flimkien fuq diversi proġetti, u ħidmiet fil-Kunsill.
• Din is-sena ġejna avvżati mis-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Disabilità u Anzjanita' Attiva l-Onor. Anthony Agius Decelis, li il badġit vote 5051 għall-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani din is-sena ser ikun ta' €14,000, żieda ta' €4,000 li jibqgħu jingħataw tul is-snin li ġejjien.
Fid-29 ta' Settembru, saret Konferenza Nazzjonali 'Anzjani – Ġustizzja Soċjali jew Esklużjoni? Imtella' mill-Kunsill flimkien mas-Segretarju Parlamentari għal-Persuni b'Disabilità u Anzjanità Attivà. Fejn kienet suċċess u attendew bosta nies għaliha.
• Bejn it-18 u l-20 ta' Ottubru, il-Kunsill flimkien mas-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Disabilità u Anzjanità Attivà u bl-għajnuna tal-ħaddiema mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali, tellajna Wirja ta' Arti u Artiġjanat – Tradizzjonijiet tal-Anzjani, mill-anzjani għall-anzjani, fil-Bitħa ta' Palazzo Ferreria, il-Belt, Valletta. Din il-Wirja kienet suċċess fejn żaruha nies mhux biss minn Malta iżda ukoll ħafna barranin.
• Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-sena l-oħra tressqu għall-approvazzjoni l-Emendi tal-Istatut tal-Kunsill. Komplenja naħdmu fuqhom mal-membri l-ġodda tal-KNA, issa tlestew u kif tafu tqassmu llum stess.
• Fost il-ħidmiet tal-Kunsill irrid insemmi l-Fuljett, 'L-Anzjani Llum' li bqajna nippublikawh kull 3 xhur bil-ħidma fejjieda tal-Editur flimkien mal-Bord Editorjali u s-Segretarja Amministrattiva. Nixtieq ukoll nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja li dawk kollha li taw xi donazzjoni. Imma ma rridx ninsa lil dawk li taw donazzjoni biex nagħmlulhom xi promozzjoni. Bgħatna ittra rigward il-protezzjoni tad-data magħrufa bħala GDPR lil kull minn jirċievi dan il-Fuljett. Tul din is-sena anki s-sit elettroniku baqa' jiġi aġġornat regolarment.

Ma nistax nagħlaq mingħajr ma niżżi ħajr lill-membri kollha tal-Kunsill tax-xogħol siewi tagħhom u l-għajnuna li dejjem sibt minnhom fil-qadi ta' dmirijieti bħala Segretarju. U fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas, ħajr lis-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar, għax-xogħol u l-appoġġ li dejjem tagħti lill-Kunsill u l-għajnuna li jien personalment dejjem sibt minnha.

Grazzi

Anthony Deguara
Segretarju



# APPREZZAMENT

## Chev. Dr. Herbert Messina Ferrante
## 1938 -2018

Fil-31 ta' Diċembru 2018, tħabbret il-mewt ta' Dr. Herbert Messina Ferrante. Huwa kien membru fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani wara li kien ġie maħtur fl-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill f'Marzu tal-2011, mill-Għaqda tal-APAN fejn kien ukoll President tal-istess Għaqda. Huwa dam membru fil-Kunsill għal 5 snin fejn dejjem ħadem u ta għajnuna fejjieda tul dan iż-żmien. Dr. Messina Ferrante li kien dentist magħruf u kien ukoll membru-fundatur tal-Għaqda Ewropea tad-Dentistrija, għalliem u eżaminatur tad-dentistrija, fejn ngħata rikonoxximent mill-Għaqda Maltija tad-Dentistrija għall-50 sena ta' ħidma u dedikazzjoni f'din il-professjoni.

Herbert Messina-Ferrante kien ukoll membru-fundatur tal-Għaqda tas-Self-Employed u president tagħha fis-snin 1970. Fis-Sliema Wanderers FC, hu kien President u kellu wkoll karigi oħrajn, fosthom rappreżentant fuq il-Malta Football Association fejn kien Viċi President u ppresieda wkoll diversi bordijiet.

Barra minn dan, kien ukoll kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard u ħadem għat-tim tal-futbol Sliema Wanderers FC. Fl-2012, il-President Emeritu George Abela ħatru membru tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu.

Il-President u l-membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani bagħtu l-Kondonjanzi lill-qrabathu kif ukoll attendew għal funeral tiegħu fejn tawh l-aħħar tisliema.

Dan l-apprezzament qiegħed jiġi muri issa fuq dan il-fuljett minnħabba li d-data ta'meta miet Dr. Messina Ferrante, il-fuljett ta' Jannar-Marzu kien diġa lest u tqassam.



# Kelmtejn ma' Helen
# Kemm nafu napprezzaw

**Helen Mallia**
*Kummisarju għall-Anzjani*

Kif intom ħbieb? Nittama li kull wieħed u waħda minnkom tinsabu tajbin biex, bħas-soltu, insibu ftit tal-ħin ħalli, flimkien, naħsbu daqsxejn dwar kif nistgħu nirranġaw ,jew intejbu xi ħaġa f'ħajjitna għax, sewwa jgħid il-qawl Malti, li qatt mhu tard wisq biex tbiddel u tirranġa dak kollu li tista'. Nittama li ma ħsadkomx illum imma, meta għaddieli dan il-ħsieb minn moħħi, xtaqt naqsmu magħkom u dan qegħda nagħmlu għax tant għaddejjin b'ħajja mgħaġġla li, illum, qegħdin nitilfu l-pjaċiri li l-ħajja taf toffrielna.

Stenna ftit ħej; jien mhux qegħda nirreferi għal xi rebħa tal-lottu jew *super five* jew xi ġita ta, għax dawk naħseb li kulħadd ikun jixtieqhom minn żmien għal żmien. Li nixtieq nikteb dwarhom illum huma dawk l-affarijiet, kemm żgħar kif ukoll kbar, li forsi tant drajnihom li saru parti minn ħajjitna u li, għalhekk, m'għadniex nagħtuhom l-apprezzament li jistħoqqilhom.

Qatt waqafna naħsbu ftit fuq is-servizzi li nużaw il-ħin kollu u kemm ħsieb u xogħol jirrikjedu biex jaslu għandna? Pereżempju, l-ilma; kemm hi ħaġa faċli li nifthu l-vit u jkollna l-ilma hux! Imma qatt għaddielna minn moħħna kemm xogħol u spejjeż huma involuti biex dak l-ilma jasal għandna? l-istess nistgħu ngħidu għall-elettriku. Kemm ma napprezzawhomx hux u kemm noħduhom *for granted*, kif jgħid l-Ingliż! Imma kif niġġennu meta, għal xi raġuni jew oħra, ma nsibuhomx! X'nervi nagħmlu u x'deni jkollna meta nifthu l-vit u l-ilma ma jiġix jew nixgħelu s-*switch* u nsibu li mar id-dawl! Jekk intom bħali, tibdew iċċemplu kullimkien biex, forsi, jgħidulkom li dalwaqt jerġa' jkollna s-servizz.

Għadni ma semmejt xejn dwar is-servizz tat-*telephone* peress li llum nistgħu ninqdew bil-*mobile* u, għaldaqstant, għandna alternattiva oħra għalih. Imma, qabel ġie l-*mobile*, dan ukoll kien servizz essenzjali ħafna għalina.

Imbagħad għandna wkoll dak l-imbierek *television* li mingħajru wkoll ma ngħaddux. Tafu kemm xogħol jirrikjedi biex iwasslulna l-aħbarijiet u l-programmi l-oħrajn kollha li naraw ta' kuljum fil-kumditā ta' darna?

Ma' dawn is-servizzi li semmejt, nistgħu inżidu ħafn' aktar bħal, ngħidu aħna, it-trasport, kemm dak bil-baħar biex iwasslilna l-prodotti kollha li nixtru; kemm tal-ajru biex inkunu nistgħu immorru xi vaganza u, b'hekk, naraw wkoll parti ċkejkna oħra minn din id-dinja tagħna; kif ukoll it-tasport bl-art, jiġifieri, it-trasport pubbliku jew, aħjar, il-karrozzi tal-linja li jwassluna kull fejn inkunu rridu mmorru.

U ma ninsewx is-servizz tal-Posta li, permezz tiegħu, sħana u xita, il-pustieri dejjem iwasslulna l-ittri sa wara l-bieb u jitfgħuhomlna, tista' tgħid, f'ħoġorna. Għandna nkunu grati lejn dawn in-nies kollha li jagħtuna dawn is-servizzi għax dawn huma servizzi pubbliċi issussidjati mill-gvern u, kieku ma kienx hekk, kien ikollna nħallsu ferm iżjed għalihom.

Imbagħad xi ngħidu għan-natura ta' madwarna? Veru, dik mhux magħmula mill-bniedem imma pprovdihielna b'xejn il-Ħallieq. Imma, qatt sibt ftit tal-ħin biex tħares ħarsa sewwa lejn fjura jew warda; anki jekk tkun salvaġġa? Xi ġmiel u x'perfezzjoni hux? Magħhom, hemm ukoll il-pjanti ta' kull daqs u għamla; hemm is-siġar, kemm dawk li jagħtuna l-frott kif ukoll dawk li jsebbħu kull fejn ikunu bil-ħdura u l-kobor tagħhom.

In-natura toffrielna wkoll l-għasafar li jbellħuk bil-ġmiel ta' kuluri u bl-għana tagħhom. Magħhom inżid l-annimali l-oħrajn kollha għax kull maħluq għandu s-sabiħ tiegħu, minbarra l-wirdien li lili jwerwirni u n-nemus li jaf jagħmel xalata minn demmek. Imma, xi trid tagħmel; dawn ukoll huma parti minn natura ta' madwarna. Kemm għandna x'nistgħu napprezzaw hux!

Issa, naraw nitbissmux ftit ukoll ħbieb. Mela Lonzu kien wasal biex imur jiltaqa' mal-Ħallieq. Maġenbu l-isptar, kien hemm martu u t-tliet uliedu. Waqt li kien qiegħed jieħu l-aħħar nifsijiet, dar fuq ibnu l-kbir u qallu, "Marju, lilek se nħallilek il-vilel tal-Madliena." Wara, ħares lejn ibnu tan-nofs u qallu, " U inti Frans għandek il-*High Ridge* u l-madwar." Imbagħad, dar fuq it-tielet wieħed u, b'leħen miksur, qallu, "U lilek Ġorġ se nħallilek kulma għandna s-Swieqi." Mistagħġba u impressjonata, in-*nurse*, li kienet qegħda ddur b'Lonzu, daret fuq martu u qaltilha, "Anzi, għandek tassew biex tiżżiħajr 'l Alla sinjura, li r-raġel tiegħek huwa daqstant sinjur! Min jaf kemm tħossok ixxurtjata li, għall-inqas, jista' jqassam dan il-ġid kollu! Imma wiċċ il-mara ried jisplodi x'ħin weġbitha, "Sinjura? Ixxurtjata? Ġid? Int bis-serjetà? Dawk ir-rotot fejn iqassam iċ-ċilindri tal-*gas*!"

Għal-lum daqshekk ħbieb. Saħħiet.

Helen

# L-Aħħar Ċena ta' Ġesù

**kitba ta' Fr Charles Buttigieg**



**Il-Ġrajja tal-Esodu**
L-ikla tal-Għid tal-Lhud kienet tfakkarhom fil-ġrajja memorabbli tal-imħabba infinita t'Alla li għaddihom mill-mogħdija tal-mewt għall-ħajja. Ilkoll nafu kemm il-poplu t'Alla kien qed ibati ġewwa l-Eġittu u, għalhekk, Alla sejjaħ lil Mosè biex joħroġ lill-poplu tiegħu mill-jasar. Naraw, però, ir-resistenza tal-Fargħuni tal-Eġittu. Għalhekk, Alla bagħat l-għaxar kastigi fuq l-Eġittu: l-ilma jsir demm, iż-żrinġijiet, in-nemus, id-dubbien, il-pesta, l-infafet, is-silġ, il-ġurati, id-dlam u, l-aħħar wieħed, il-kastig il-kbir, il-mewt tal-iben il-kbir fid-djar tal-Eġizzjani. Huwa f'dan il-kuntest ta' din il-ġrajja li l-Anġlu tal-Mewt jaqbeż (għalhekk *pass-over*) id-djar fejn kien hemm il-Lhud u jsalva lit-tfal tagħhom u joqtol it-tfal tal-Eġizzjani, fosthom it-tifel il-kbir tal-Fargħuni u, b'hekk, wassal lil dan tal-aħħar biex iħalli lill-Lhud jitilqu minn pajjiżu u jaqsmu l-Baħar l-Aħmar (fejn illum hemm il-Golf ta' Aqaba). Huwa smat li l-Lhud li ħarġu mill-Eġittu kienu jammontaw għal madwar żewġ miljuni għax l-Esodu jindika li, l-irġiel biss, kienu sitt mitt elf. Dan ġara madwar is-sena 1400 Q.K. Skont l-Università ta' *Chicago*, id-data preċiża tal-Esodu hija l-20 t'April tas-sena 1488 Q.K.
Per□, f'dik il-lejla, qabel jiġi l-Anġlu tal-Mewt, fuq ordni t'Alla, il-Lhud riedu jagħmlu ikla u riedhom jagħmluha u jfakkruha kull sena matul il-lejl ta' bejn l-14 u l-15 tax-xahar ta' Abib, li hu Marzu u April tagħna, bħala l-ġrajja tal-ħelsien tagħhom. Sa minn ħamest ijiem qabel, kull familja kellha tipprepara ħaruf. Fejn kien hemm familji żgħar, dawn setgħu jingħaqdu ma' xulxin għal din l-ikla tal-ħaruf; bejn wieħed u ieħor, ħaruf wieħed kien iservi għal għaxra minn nies. Il-ħaruf ried ikun bla difett u ta' madwar sena. Imbagħad, kien jinqatel fl-14 tax-xahar, bejn waranofsinhar u filgħaxija, u ma tinkisirlu ebda għadma u kienu jiskarnawh u ma jħallulux demm ġo fih għax huma ma setgħux jieklu laħam bid-demm. Id-demm kien xi ħaġa sagra t'Alla, kien fih il-ħajja u jagħti l-ħajja lill-ġisem.
Dakinhar tal-Esodu, mid-demm tal-ħaruf, il-Lhud li kienu lesti biex jitilqu mill-Eġittu, ċappsu l-ġnub u l-blata tal-bieb tad-dar tagħhom ħalli, x'ħin jgħaddi l-Anġlu tal-Mewt u jara l-blajjet imċappsin bid-demm, jibqa' għaddej u ma jidħolx fid-dar biex jagħmel ħerba. Il-laħam tal-ħaruf kieluh mixwi u, miegħu, kielu l-ħobż bla ħmira għax ma kellhomx ċans joqogħdu jistennew l-għaġna tikber kieku kellha l-ħmira; għalhekk ngħidu li kielu ħobż ażżmu, u anki ħaxix morr biex ifakkarhom fit-tbatijiet li għaddew minnhom.

**Ġesù jħejji l-Ikla**
Fil-Vanġelu ta' San Luqa naraw li Ġesù ordna lil Pietru u lil Ġwanni biex jippreparaw l-Ikla tal-Għid. Kellhom isibu post f'Ġerusalemm fejn jagħmlu din l-ikla u huma sabu kamra kbira mgħammra b'kollox. Din kienet biċċa xogħol iebsa meta tqis li, fi żmien l-Għid fi żmien Ġesù, f'Ġerusalemm kien ikun hemm madwar mitejn elf ruħ, b'kalkolu li kienu jinqatlu mal-għoxrin elf ħaruf, li jfisser ukoll li kienu jsiru mal-għoxrin elf ikla ġewwa Ġerusalemm. *Josephus* jikteb li, fis-sena 66 A.D., inqatlu iktar minn kwart ta' miljun ħaruf għall-Festa tal-Għid f'Ġerusalemm fejn aktarx li żaruha maż-żewġ miljun persuna.
Mill-kliem li Ġesù jgħid lil Pietru u lil Gwanni: "Morru ħejjulna l-Ikla tal-Għid ħalli nieklu l-ħaruf," juri li donnu Ġesù kien diġà qiegħed jindika lilu nnifsu bħala l-Ħaruf tas-Sagrifiċċju; huwa nnifsu bħala l-Ħaruf il-ġdid u mhux id-daqsxejn ta' ħaruf żgħir. Hawnhekk, huwa importanti li nsemmu li l-post tal-Ikla tal-Għid ried ikun nadif u mingħajr ħmieġ; il-post isir qisu d-Dar t'Alla u dawk kollha li jipparteċipaw kienu jilbsu d-dinijità ta' saċerdoti. Għalhekk, wieħed iktar jifhem l-indafa u l-ħasil li jsir fid-djar tagħna qabel it-Tberik tal-Għid meta jiġi l-Kappillan jew l-Arċipriet biex ibierek id-djar tagħna.

**L-Aħħar Ċena tal-Mulej**
L-aħħar ċena kien il-mument meta Ġesù waqqaf żewġ sagramenti importanti: l-Ewkaristija u s-Saċerdozju. Infatti, Ġesù wera xewqa kbira li jagħmel din l-ikla mal-appostli. Kienet l-ikla tal-Għid tal-Lhud kif juruna San Mattew, San Mark u San Luqa fejn Ġesù huwa l-Ħaruf il-ġdid. Ġesù issa jieħu post il-ħaruf kif jurina biċ-ċar iktar San Ġwann fil-Vanġelu tiegħu meta Ġesù jinqatel fuq is-salib fl-istess ħin li kienu qegħdin jinqatlu l-ħrief għall-ikla tal-Għid tal-Lhud u, għalhekk, f'San Gwann, l-ikla tal-Għid kienet antiċipata b'erba' u għoxrin siegħa. Dan seta' jiġri biex jitqassmu l-folol kbar fl-Għid ġewwa Ġerusalemm.
L-ikla kienet tibda b'talba imbagħad jixorbu l-ewwel tazza nbid bħala bidu. Interessanti li kienu jixorbu erba' tazzi nbid waqt l-ikla u jieklu tliet darbiet mill-ħobż ażżmu. Dan il-Lhud jagħmluh għax, fl-Esodu, insibu erba' azzonijiet li għamel Alla biex ħeles lill-poplu Lhudi: "Jiena noħroġkom, jiena neħliskom, jiena nifdikom u jiena niġbidkom lejja biex tkunu tiegħi." Imbagħad, kien isir il-ħasil tal-idejn u Ġesù, bħala l-kap tal-mejda, għamel il-ħasil tar-riġlejn fejn, f'San Ġwann, għandna seba' verbi jew azzjonijiet ta' qadi minn Kristu: qam, neħħa, ħa, rabat, ferra, ħasel u xxotta. Ġesù qasam u qal il-kliem tal-konsagrazzjoni fuq it-tielet ħobż ażżmu: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom," u fuq it-tazza nbid ta' radd il-ħajr (il-kalċi ta' radd il-ħajr fejn seta` wieħed iżid xi ftit ilma) "il-kalċi tal-Patt il-ġdid,

b'demmi; id-demm li jixxerred għalikom." Ġuda l-Iskarjota kien diġà telaq hawnhekk u, għalhekk, ma kienx preżenti għat-twaqqif tal-Ewkaristija. San Pawl, fl-ittri tiegħu, isejjaħ l-aħħar ċena bħala l-Ikla tal-Mulej u l-Ewkaristija.

**Ħenjin aħna**

L-aħħar ċena turi wkoll l-Ewkaristija bħala servizz li jsejħilna biex naqdu lil xulxin, bħala kommunità lesta biex taqdi lill-proxxmu. San Ġwann isemmi fid-dettal il-mument sabiħ meta Ġesù jaħsel riġlejn l-appostli qabel l-ikla. Dan jirrifletti wkoll il-kmand li nsibu fil-ktieb tal-Esodu: "Il-qassisin iridu jaħslu jdejhom u riġlejhom qabel is-servizz." Infatti, biex tassew tagħmel sens fil-ħajja tagħna, l-Ewkaristija trid twassalna għad-djakonija u għall-karità. Dan huwa l-kobor tal-Ewkaristija li Alla, li ħalaq kollox, jinżel fil-qlub tagħna, isir parti minna u jnaddafna mid-dnub u mill-miżerja tagħna. Ħenjin aħna tassew li dejjem inkunu mistiedna għal din il-Mejda tal-Ħaruf u, b'hekk, inkunu qegħdin ngħixu tassew il-qawmien li ġabilna Kristu.

# Il-ferħ tassew!

## kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap.



Min minna ma jridx li jkun ferħan jew ferħana? U, aktar ma nikbru fiż-żmien, jiġifieri fl-anzjanità tagħna, aktar inkunu rridu nkunu ferħanin. U bir-raġun! Jeżistu diversi riċetti tal-ferħ. Ovvjament, min jgħid ħaġa u min oħra. Bħalissa, ġietni riċetta li aqta' kemm laqtitni! U tant kemm laqtitni, li qtajtha li naqsamha magħkom ukoll.

Din il-magħrufa riċetta tal-ferħ jagħtihielna l-famuż poeta u filosofu Ġermaniż Johann Wolgang von Goethe (1749-1832). Goethe jgħid li, biex inkunu ferħanin, neħtieġu disa' ingredjenti. L-ewwel, saħħa biżżejjed biex naħdmu bil-pjaċir. Mela anki jien, bħala anzjan jew anzjana, ukoll naf għandi dik is-saħħa biex nagħmel xi xogħol. Tiskanta li, żgħir kemm hu żgħir dak ix-xogħol, jekk nimpenja ruħi fih, jien inkun kuntent. It-tieni, għana biżżejjed biex nilħqu mal-bżonnijiet tagħna. Tajba din! Illum, għall-grazzja t'Alla, f'pajjiżna, aħna l-anzjani għandna pensjoni biżżejjed biex inlaħħqu mal-ħajja. Dan mhux barka wkoll? It-tielet, qawwa biżżejjed biex naffrontaw id-diffikultajiet u nirbħuhom. U aħna, li nemmnu, x'qawwa aktar jista' jkollna minn dik li jagħtina l-Mulej? Mela kemm nagħmlu sewwa li mmorru għall-quddiesa u li, fuq kollox, nitolbu!

Ir-raba', grazzja biżżejjed biex inqerru dnubietna u ninsewhom. Din grazzja oħra ħbieb!, Inqerr dnubieti! U, bħala anzjani, ġieli jitilgħulna xi dnubiet li forsi nkunu insejna nqerruhom. Flimkien, u sintendi, ma' dnubiet oħra li, ta' bnedmin dgħajfa nwettqu. Mela, kemm nagħmel sewwa jekk inkun akkanit g]all-qrar? Għax il-qrar, aqta' minn kemm piż jeħlisna! Il-ħames, paċenzja biżżejjed biex nipperseveraw fil-ħidmiet tagħna għall-ġid tal-oħrajn. Tgħid għandna bżonnha l-paċenzja? Jekk taqta'! Kollha għandna bżonnha ħbieb. Imma, u nazzarda ngħid, l-aktar, meta nibdew nikbru fiż-żmien. Naf li mhux ċajta tafux li tieħu daqshekk paċenzja L-aktar meta jibdew telgħin għax kelma ma tkunx mitħaddta b'reqqa u bi mħabba jew jekk xi servizz jittardja xi ftit jew jekk xi ħadd joħodna bil-ħawda. Tibżawx! Kelma nieqsa aħjar minn kelma żejda. U hekk, l-affari, tibqa' miexja ħarir kemm jista' jkun.

Is-sitta, li jkollna karità biżżejjed biex nagħrfu t-tajjeb li hemm fl-oħrajn. Anki hawn irridu nikbru mhux ħażin ħuti! Irridu naraw it-tajjeb tal-persuni li jgħinuna. Naf, kulħadd bil-karattru tiegħu. U xi persuni jafu jqabżuhielna wkoll. Imma x'nieħu jekk nidħol f'konflitt magħhom? Mela nagħmel sewwa jekk nara t-tajjeb tagħhom ħalli, meta jiġu jgħinuni, dik l-esperjenza ma tkunx ta' toqol għalija u għalihom imma ta' paċi għalina ilkoll. Is-seba', imħabba biżżejjed li tqanqalna nagħmlu l-ġid u ngħinu lill-proxxmu fil-bżonn. Anki din hija importanti ħafna ħbieb! Hija l-imħabba li trid tgħinna biex, bħala anzjani, ma ningħalqux fid-dinja tagħna u nibqgħu midfunin ġewwa fina. X'nieħdu billi nibqgħu magħluqin fl-istorja tagħna? Xejn! Anzi, jiġrilna xi ħaġa ferm u ferm agħar. Għax nixjieħu qabel il-waqt. Għalhekk, għandna ninteressaw ruħna fl-oħrajn.

It-tmienja, fidi biżżejjed biex nagħmlu dan kollu għall-imħabba t'Alla. Anki hawn ukoll irridu nħallu l-fidi tagħna tgħinna ħalli nifhmu li aħna, il-ġid li l-Mulej jagħmel bina, anki mal-anzjani ħutna, inħallieh jagħmlu biss għall-imħabba u l-glorja Tiegħu. Ma jiswili xejn li nimxi biss fuq dak li nħoss. Jiġu mumenti fejn ħaġa tajba ma jkollix aptit nagħmilha bl-ebda mod. Imma, u dan l-istorja ta' ħajjitna għallmitulna bil-kbir, jekk ma nimxux bil-fidi u nibqgħu priġunieri ta' dak li nħossu, kif nistgħu tassew nimxu 'l quddiem fil-ħajja?

Id-disa', tama biżżejjed biex inwarrbu minna kull biża' dwar il-futur. Kemm jiġuna mumenti fejn nitwerwru mill-futur. Veru? Nibdew naħsbu li jista' jiġrilna l-agħar fost l-agħar. Imma, bħalma kien qal Winston Churchill, ħafna beżgħat f'ħajjitna qatt ma jseħħu. X'ħasra li ngħaddu ħajjitna ninkwetaw u nkiddu saħħitna fuq ix-xejn! U, ngħid jien, dan jaqblilna nagħmluh? Illum ngħid le. Aktar u aktar meta wieħed iqis kemm il-ħajja hija tabilħaqq sabiħa!

*Mela, Mulej, għinni ħalli x-xjuħija tiegħi tkun mument sabiħ u qawwi fejn inkun nista' ngħixha b'ferħ kbir. Fakkarni dejjem f'dawn id-disa' ingredjenti meħtieġa biex ngħix dejjem ferħan. Amen.*

# Ittra lill-Editur

## Mingħand Nazju Abela minn Ħaż Żebbuġ

Fost l-artikli interessanti li qrajt fl-aħħar ħarġa ta' din ir-rivista, kien hemm dak tal-kuġin tiegħi, Victor Rizzo. Artiklu ħelu dwar karattri u tifkiriet li jiħduh lura fiż-żmien tat-tfulija tiegħu fl-akkwati ta' Triq Santa Monika, ir-Raħal Ġdid. L-ewwel tifkira li rrakkonta, dik tal-barbier Pawlu Cannavo' bin-nota editorjali li xeħtet aktar dawl dwar dak li rrakkonta l-kuġin, tiftaħlek l-aptit biex tkun tixtieq taqra aktar minn dawn it-tifkiriet. Meta spiċċajt naqra dan l-artiklu, nibtet fija x-xewqa li, anki jien, nikkontribwixxi xi żewġ versi għal dan il-magazin kif kont anki wiegħedt lill-Editur tar-rivista, il-ħabib tiegħi Vincent Piccinino.

Jien inħobb il-limerikki li jfakkruni fil-poeta Għawdxi, Anton Buttiġieġ, ex-President tar-Repubblika ta' Malta, u li kien magħruf ħafna għal din it-tip ta' kitba. Mingħajr ma nippretendi li nilħaq il-livell ta' Anton Buttiġieġ, fettilli nittanta nikteb xi ftit jien ukoll u nibghathom lill-Editur biex, jekk jidhirlu li huma preżentabbli, jippubblikahom. Nittama li ma jiħux fastidju bl-aħħar waħda u joħodha bl-ispirtu li ktibtha. Issa f'idejh... u f'idejkom!
Limerikki:

**Il-bejjiegħ tal-ħalib**
Tal-ħalib kont narah ta' kuljum;
ħalib tajjeb li, bih, tħossok tqum.
Żewġ mogħżiet fuq kull naħa
u, mingħajr qatt ma staħa,
jaħlibhomlok minghajr xejn ma jdum.

**Ħaddiem tan-nar**
Hemm wieħed għan-nar speċjalista;
ġiġġifogu kemm tagħtik il-vista.
Murtali u kuluri
biex joħroġ bl-unuri,
jirsisti ħa jlesti kemm jista'.

**Fuq il-Monti**
Fuq il-Monti n-nies tixtri u tiġġebbed
biex wara d-dar tiġri tmur tlebbet.
Ħaxix, ħut, bras u żraben.
sett platti jew taġen,
insomma, b'dak kollu li twebblet.

**Il-politka**
Hemm tal-Blu, tal-Oranġjo tal-Aħmar,
kif ukoll dawk li jżommu mal-Aħdar.
Kulħadd għandu raġun;
kulħadd moħħu fit-tmun
ħalli jirbaħ u jżommu sal-aħħar.

**Fit-traffiku**
Serbut twil ta' karozzi u muturi;
sinjal ġdid ta' kemm sirna sinjuri.
Siegħat trid tistenna
biex fl-aħħar, tithenna,
sadattant, kulħadd qisu d-duluri.

**Piccinino l-Editur**
Piccinin, l-editur tar-rivista
tant jirsisti u jaħdem kemm jista'.
Imma, darba fis-sena,
b'furur kbir jinfena;
f'San Duminku jkun żgur kapulista.



## Nerġa' nkun fi ħdanek

Anthony Borg

Jewwilla jien mhux it-tifel tiegħek?
Jewwilla jien il-barrani?

Jien ibnek!
Għaliex ħallejtni
bħal qasba tixxejjer mar-riħ?

Insejt ġufek
kemm feraħ u għola
hekk kif bija inti tqila ħriġt?

Le, le,
m'jienix il-barrani!
Jien ibnek!

## *APPELL*

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

Is-Sinjura Mary Anne De Franco (Birgu) - €10.00
Is-Sinjur u s-Sinjura Bezzina (Msida) - €10.00
Is-Sinjura Connie Cini Previ (Hamrun) - €20.00
Is-Sin. L. Dimech (Valletta) - €5.00
J. H. (San Gwann) - €20.00
Is-Sinjorina Carmen Bonello (Siġġiewi) - €10
Is-Sinjura J. Farrugia Mahoney (Mosta) - €50
Għaqda Telemalta/Maltacom/Go - €50

# Mill-ktieb tat-tifkiriet 'Fjuri li ma Jinxfux'

**Kitba tal-Prof. Oliver Friggieri**




**Bukkett fjuri differenti**

Fin-nofs tal-kamra, imdawwar issa b'erba' gandlieri bix-xemgħat mixgħulin, kien hemm in-nannu mdaħħal f'tebut, bl-għatu tiegħu imserraħ mal-ħajt. Kien hemm ħafna fjuri. Iz-zija Ġuża ħaddnitni magħha u bisitni fuq ġbini, imbagħad tatni bukkett fjuri u qaltli biex inżommu f'idi sal-aħħar. Erba' miz-zijiet irġiel, fosthom missieri, baqgħu fil-kamra waqt li l-oħrajn bdew niżlin it-taraġ. Anki jien u z-zija Ġuża bqajna hemm għax iz-zija kellha tistenna lil kulħadd joħroġ mill-appartament u ssakkar warajha. Xi ħadd għalaq it-tebut u l-erba' zijiet refgħuh fuq spallejhom u bdew ħerġin. It-taraġ ma kienx wiesa' wisq u z-zijiet batew ħafna biex niżżlu lin-nannu. Kien hemm xi rġiel barranin li għenuhom u, f'xi waqtiet, rajt ħafna jdejn iżommu t-tebut biex ma jaħbatx mal-ħajt.

Fiċ-ċimiterju, iz-zija Ġuża baqgħet iżżommli idi sa ma wasalna ħdejn il-qabar miftuħ. Imbagħad, telqitni ftit għax bdiet tibki ħafna u riedet timsaħ id-dmugħ bil-maktur. Jien qbadt b'idejja t-tnejn ma' djulha. Naf li kont qiegħed nibża'. Kien hemm sikta kbira waqt li t-tebut kien nieżel fil-ħofra.

"Pa, pa," werżqet iz-zija Ċensina u xi ħadd għenha żżomm fuq saqajha għax kienet se taqa' fl-art.

"Issa, meta ngħidlek, ixħet il-bukkett fuqu," qaltli z-zija u ressqitni sa xifer il-ħofra. Id-deffiena rabtuh bil-ħbula u bdew iniżżluh qajl qajl sakemm taw skoss u l-kaxxa strieħet.

"Issa, ibni, issa," qaltli z-zija Ġuża.

Fit-*taxi*, fi triqitna lura lejn l-appartament tan-nannu, ħadd ma qal kelma. Iz-zija baqgħet tħaddanni magħha l-ħin kollu, donnha beżgħet li se titlef lili wkoll.

"Issa jien ġejt waħdi," qalet.

"Tibżax zi, għandek iz-zijiet; dawk żgur jiġu jarawk."

"Iva, iva, ruħi, dażgur," u mbagħad waqfet u kompliet bi tnehida.

"Kulħadd irid imut zi. Mhux il-papa' tiegħek biss, anki l-papa' tiegħi irid imut. U jien ukoll!"

"X'inti tgħid, ruħi? Minn fejn ġibthom dawn il-ħsibijiet?"

"Mill-bieraħ 'l hawn zi."

"Taħsibx f'dawn il-ħwejjeġ. Int għadek żgħir u għandek bosta ħwejjeġ sbieħ jistennewk."

Hekk kienet iz-zija u dawn kienu t-tagħlimiet li ħadet mingħand in-nannu Pullu. Kien hemm ħafna affarijiet li kienu tabù, fosthom il-mewt, imma mbagħad ġrajja bħal din kien ikollha tkisser kull ħajt f'daqqa waħda. Iz-zijiet kollha damu żmien twil jilbsu l-iswed bħala sinjal ta' luttu, bil-viżtu. Kien hemm żminijiet fissi kemm kellu jdum il-viżtu. Liz-zija Ġuża, madankollu, dejjem niftakarha tilbes ilbies skur, anki snin twal wara dan kollu.

**Għand iz-zija Ġuża**

"Illejla mur orqod għand iz-zija! Inti taf li tieħu pjaċir bik u, issa, ilek ġimagħtejn ma tersaq 'l hemm," qalli missieri waqt li baqa' minsub fuq il-mejda tal-ikel, jaqra l-gazzetta, idaħħan u moħħu fija. Kienu għadhom kemm daqqu s-sitta ta' filg]axija. L-arloġġi kollha tad-dar tagħna f'Balzunetta kienu jitqabblu mal-arloġġ tal-knisja u l-arloġġ tal-knisja ma kellux jiżbalja, imqar bi ftit sekondi.

"Mur il-Mużew u, meta tiġi, ħu kollox miegħek u mur għand iz-zija. Tħallihx jidlam iżżejjed. Tkun qiegħda tistenniek u, qabel ma tasal inti, hi ma tidħolx fil-friex. Tħallihiex imqajma żżejjed." U missieri baqa' sejjer b'sensiela ta' ordnijiet żgħar oħrajn li jien kont ili li tgħallimthom bl-amment żmien twil.



# Anniversarji mużikali marbutin mas-sena 2019

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**










Bħalma dejjem għamilt f'dawn l-aħħar snin, inħobb li, l-ewwel kitba tiegħi tas-sena, tkun marbuta ma' anniversarji mużikali li jaħbtu fis-sena l-ġdida. Dawn jgħinu lill-organizzaturi tal-kunċerti biex jorbtu dawn l-anniversarji mal-preżentazzjonijiet mużikali tagħhom. Dan huwa l-għan ta' din il-kitba. Dawn l-anniversarji għandhom ikunu ta' ispirazzjoni fil-programmi tagħhom anki għax-xandara ta' programmi ta' mużika klassika. Jien hekk nagħmel.

**Jacques Offenbach**
Twieled 200 sena ilu fl-20 ta' Ġunju, 1819. Twieled Cologne il-Ġermanja. Kien ta' nisel Lhudi-Ġermaniż imma, maż-żmien, sar ċittadin Franċiż. Kompożitur ta' diversi operetti (nistgħu ngħidu li kważi ħoloq l-operetta) u vjolinċellista ċelebri. Xtaq li ismu jibqa' marbut mal-mużika serja imma miet fl-1880 ta' età żgħira (kellu 61 sena) qabel temm l-unika opra tiegħu u l-kapulavur kbir *The Tales of Hoffmann*. Influwenza diversi kompożituri oħrajn kbar fil-qasam tal-operetta, fosthom, lil Johann Strauss Jr. u lil Arthur Sullivan.

**Franz von Suppè**
Twieled ukoll 200 sena ilu fit-18 t'April, 1819. Kien ċittadin tal-Imperu Awstrijak. Ikkompona għadd ta' operetti brillanti (madwar 48 waħda) li, minnhom, *Boccaccio* biss baqgħet fir-repertorju. Imma l-*overtures* tagħhom u oħrajn għadhom ħajjin fir-repertorju anki tal-aqwa orkestri. Miet fl-1895 fl-età ta' 76 sena.

**Ruggiero Leoncavallo**
Miet 100 sena ilu fid-9 t'Awwissu, 1919, ftit wara r-rewwixti f'pajjiżna tas-7 ta' Ġunju. Kellu 62 sena. L-aktar li baqa' jissemma huwa għall-opra verista tiegħu *I Pagliacci* għalkemm għandu opri oħra interessanti, fosthom, *Zazà* u *La Bohème* li qatt ma qabdet art minħabba dik bl-istess isem ta' Giacomo Puccini u li tittratta l-istess suġġett. Isem Leoncavallo (li għamel il-libretti għall-opri tiegħu) huwa marbut ukoll mal-għanja klassika tiegħu *Mattinata* li hi ddedikata lil Caruso li tagħha għamel l-ewwel rekording.

**Nikolai Rimsky-Korsakov**
Kompożitur Russu li twieled 175 sena ilu fis-sena 1844. Il-mużika tiegħu, b'dik l-orkestrazzjoni manjifika, tagħmlu wieħed mill-aqwa kompożituri Russi. Fil-fatt, huwa kien wieħed mill-famuż grupp ta' ħames kompożituri Russi li kienu jiktbu fuq stil Russu u kienu wkoll imnebbħin mil-letteratura u mill-folklor Russu. Fost l-aqwa xogħlijiet tiegħu wieħed isemmi *Capriccio Espagnol*, *Pasqua Russa Overture*, *Scheherazade* u oħrajn. Miet fl-1908 fl-età ta' 64 sena.

**Pablo de Sarasate**
Twieled 175 sena ilu fis-sena 1844. Wieħed mill-aqwa vjolinisti. Kien Spanjol. Kien ukoll kompożitur u għamel diversi arranġamenti mużikali ta' xogħlijiet magħrufin bil-vjolin bħala solista, fosthom, fantasija mill-opra *Carmen* ta' Bizet. Miet fi Franza fl-età ta' 64 sena. Sarasate kellu vjolin *stradivarius* mill-aqwa. F'Pamplona, il-post fejn twieled, issir kompetizzjoni internazzjonali tal-vjolin. Pablo de Sarasate u Rimsky-Korsakov it-tnejn twieldu u mietu fl-istess sena.

**Charles Widor**
Twieled ukoll fis-sena 1844, 175 sena ilu. Barra li kien kompożitur, Widor kien ukoll organista kbir. Irnexxielu jgħaqqad iż-żewġ ingredjenti mużikali tiegħu (kompożitur u organista) f'għaxar sinfoniji li kkompona, miktubin għall-orgni biss. Ikkompona diversi xogħlijiet mużikali oħrajn, fosthom, kunċerti għall-pjanu, vjolin u anki għall-vjolinċell, *suites* orkestrali, għanjiet klassiċi u mużika *da camera*. Miet ta' 93 sena f'Marzu, 1937.
Hawn tajjeb li nsemmu li s-sena 1937 ħasdet ukoll lil **Albert Roussel**, kompożitur Franċiż li beda jikkomponi meta kien ġa kiber fl-età, u lil **George Gershwin**, il-kompożitur Amerikan li, għalkemm miet żgħir ta' 38 sena, xorta waħda rnexxielu jagħmel isem kbir fil-mużika billi għaqqad il-mużika *jazz* Amerikana mal-mużika serja.

**Hector Berlioz**
Kompożitur Romantiku Franċiż li miet 150 sena ilu fis-sena 1869. Kellu 66 sena. Magħruf l-iżjed għax-xogħlijiet orkestrali kbar li ħalla, fosthom, is-sinfonija *Fantastique*. Ta' kobor mużikali, għandu

wkoll il-famuża Quddiesa Kbira *Requiem*, l-opra *Les Troyens* (librett tal-kompożitur stess) u aktar. Ta kontribut kbir fl-iżvilupp orkestrali imma kkompona wkoll mal-ħamsin għanja klassika għall-vuċi u l-pjanu.

**Anton Rubinstein**
Miet 125 sena ilu fl-1894. Kellu 65 sena. Kien pjanista ċelebri u kompożitur. Kien Russu ta' nisel Lhudi imma mgħammed u mrobbi bħala Ortodoss Russu. Kienu jgħidu li, bħala pjanista, kien ta' ħila kbira u kien diffiċli tagħżel bejnu u bejn Franz Liszt. Ħalla numru ta' opri (għoxrin) kunċerti, sinfoniji (sitta) u ħafna xogħlijiet oħrajn. Kien ukoll direttur tal-orkestra u waqqaf il-famuż Konservatorju ta' St. Petersburg. Ħuh, Nikolai, waqqaf il-Konservatorju ta' Moska.

**Emmanuel Chabrier**
Fl-1894, jiġifieri, 125 sena ilu, miet ukoll il-kompożitur Franċiż Emmanuel Chabrier. Kellu 63 sena u jibqa' magħruf għar-rapsodija Spanjola brillanti *Espana* u għal *Joyeuse marche* kif ukoll għall-opra tiegħu *Le Roi Malgré Lui*. Ikkompona wkoll għanjiet klassiċi u ħafna xogħlijiet għall-pjanu. Huwa stess kien pjanista tajjeb. Kompożituri kbar kellhom ammirazzjoni kbira lejn Chabrier, fosthom, Debussy, Ravel, Richard Strauss, Satie, Schmitt u Stravinsky. Il-kompożitur Poulenc kiteb bijografjija ta' dan il-kompożitur Chabrier li kien ukoll ħabib ta' pitturi kbar, fosthom, Claude Monet u Edouard Manet.

**Xi oħrajn**
Hemm ħafna iżjed kompożituri li din is-sena (2019) għandhom anniversarji iżda għażilt biss ftit oħrajn u se nikteb dwarhom aktar fil-qosor, naturalment minħabba l-problema tal-ispazju.
Fl-1939 miet il-kompożitur Awstrijak **Franz Schmitt** li kellu 65 sena u ħalla isem minħabba s-sinfoniji sbieħ li kkompona. Għandu wkoll l-opra *Notre Dame* li l-intermezz tagħha jidħol verament fil-qlub u ta' spiss jindaqq mill-aqwa orkestri.
Fl-1944, jiġifieri, 75 sena ilu, twieled il-kompożitur Ingliż **John Taverner** magħruf l-aktar għall-mużika sagra tiegħu li ħafna minnha għandha importanza. Taverner kien iħaddan il-Kristjaneżmu Ortodoss Grieg. Miet fl-2013 ta' 68 sena.
Fl-1944 mietet ukoll **Cécile Chaminade**, Franċiża. Hija kellha 87 sena u mietet Monte Carlo. Hija kienet waħda mill-ftit kompożituri li għamlet isem fil-qasam internazzjonali.
Fl-1944 mietet kompożitriċi famuża oħra, l-Ingliża **Ethel Smyth**. Mietet ta' 86 sena. Kienet ukoll membru attiv fil-moviment favur il-vot għan-nisa. Studjat fil-Konservatorju ta' Leipzig, il-Ġermanja u, hemmhekk, iltaqgħet ma' diversi kompożituri importanti ta' żmienha. Hija kitbet għanjiet klassiċi, mużika *da camera*, xogħlijiet orkestrali u korali u anki opri.
Sebgħin sena ilu (fl-1949) miet il-famuż kompożitur **Richard Strauss**, Ġermanż li ma kien jiġi xejn mill-familja Strauss tal-Awstrija. Bir-raġun kollu, kritiċi tal-mużika jqisu lil Richard Strauss bħala l-kontinwazzjoni ta' Wagner. Huwa kkompona opri, poemi sinfoniċi u mijiet ta' għanjiet klassiċi.
Il-kompożitur Spanjol **Joaquin Turina** wkoll miet 70 sena ilu. Huwa kellu 67 sena. Ikkompona diversi xogħlijiet, l-aktar għall-pjanu, imma huwa magħruf ħafna wkoll għax-xogħlijiet mużikali tiegħu għall-kitarra Spanjola.
Insemmi wkoll lid-direttur tal-orkestra famuż **Herbert von Karajan** li miet 30 sena ilu fl-1989. Niftakar qisu lbieraħ meta, dakinhar li tħabbret il-mewt tiegħu, kont ippreżentajt tagħrif dwaru fil-programm mużikali tiegħi ta' dawk iż-żminijiet *Siesta* li kien jixxandar dirett fuq Radju Malta Tnejn. Niftakar ukoll li, meta kont dieħel fil-ġnien sabiħ Mirabell f'Salzburg (fejn inġibdu diversi xeni għall-film *The Sound of Music*, il-gwida li kellna, li kien jaf li jiena nħobb il-mużika, faċċata tal-ġnien, urieni dar kbira u sabiħa. Qalli li hemm kien joqgħod Herbert von Karajan. Dak il-ħin, imtlejt bl-isbaħ mużika għax Herbert von Karajan huwa wieħed mid-diretturi l-aktar li impressjonawni.

Fl-aħħar nett, inqerr magħkom li ħafna minn dawn id-dati kollha li semmejt aktar 'il fuq, jagħtihomli l-ħabib tiegħi u studjuż kbir tal-mużika u l-istorja **Albert Storace** li, f'April ta' din is-sena, jagħlaq 75 sena; anniversarju ieħor. Awguri Albert! Għadek żagħżugħ.




# Karattri u tifkiriet ta' Victor Rizzo

## minn Raħal Ġdid li joqgħod in-Naxxar

**Daħla**

Dawn il-ftit tifkiriet u ħsibijiet joħduni lura lejn tfuliti u kkommettejthom fuq il-karta biex nerġa' nagħti l-ħajja lil karattri li għexu tassew u li, ħafna minnhom, kont spiss narahom fi tfuliti. Ħafna minn dawn in-nies kienu jgħixu fis-snin sittin fi Triq Santa Monika, u fl-inħawi tagħha, ir-Raħal Ġdid. B'li qed nikteb ma rrid inweġġa' lil ħadd. Irrid biss inbattal il-garigor ta' tifkiriet u ħsibijiet minn moħħi. Lil dawn in-nies nixtieq nerġa' nagħtihom il-ħajja. Irrid inwassalhom lilkom kif kont narahom, kif kont nosservahom, kif kont inħosshom jien meta kont żgħir. Irrid niftaħ tieqa żgħira u nistieden lill-qarrej biex, flimkien miegħi, jagħti titwila lejn il-mod kif kienet il-ħajja fis-sittinijiet; għall-inqas, kif kont naraha jien minn nuċċali ta' tifel ta' ftit snin.




Il-karattri msemmijin f'dawn ir-rakkonti, kemm f'din il-ħarġa kif ukoll f'ħarġiet sussegwenti ta' dan il-fuljett, m'għandhom l-ebda preferenza. Qegħdin jidhru biss hekk kif qed ingibhom quddiem għajnejja jterrqu fi Triq Santa Monika u fl-inħawi tal-madwar. Kull rakkont huwa minnu.

**Karmena tal-Lottu**

Nhar ta' Sibt, għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' waranofsinhar, kien ikollna skiet perfett id-dar. L-attenzjoni kollha kienet tkun madwar is-set tar-Rediffusion ħalli nisimgħu it-tlugħ tal-lottu. L-announcer konna drajnieha bl-amment: "Qabel ma ntukom in-numri tal-lottu li telgħu illum, għandna avviż maħruġ mid-Direttur tal-Lottu Pubbliku. Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku jixtieq jgħarraf li....." u, hawnhekk, kienu jingħataw id-dettalji ta' biljetti li ħarġu vojta minn xi banek tal-lottu. Dan it-tagħrif kien importanti iktar għal min kien jopera xi banka tal-lottu milli għall-ġugaturi. Għaldaqstant, meta l-lista kienet tinzerta xi ftit twila, ommi erħilha tgerger kontra l-miskina xandara daqslikieku kien ħtija tagħha. "U ejja;" kienet tgħid, "kemm se ddum biex taqlagħhom din?"

Sadattant, jien u ħija Ronald konna nagħmlu l-imħatri dwar kemm numri kienet se taqta' ommi mingħajr ma tirbaħ. Għax ommi kienet tilgħab ħafna numri tat-tliet soldi u, għalhekk, kważi dejjem kienet tgħid kemm kienet sfortunata u kemm "gidimha" għax, kull darba, kienu jitilgħulha xi tlieta jew erba' numri u xorta ma tirbaħx. Kellha pitazz żgħir u, ta' kull ġimgħa, kienet tniżżel in-numri li jitilgħu. Lejn l-aħħar ġimgħat tas-sena, stajt tibqa' ċert li kienet tagħżel dawk in-numri li kienu għadhom ma telgħux għax kienet ċerta li, hekk, iktar kellha ċans tirbaħ. Il-ħolm u l-anniversarji kellhom influwenza kbira fuq l-għażla tan-numri li kienet tikteb. Jekk toħlom bil-ħut, ifisser ċertu numru; jekk toħlom bil-baħar, ifisser numru ieħor; jekk toħlom b'xi ħadd mejjet, kienet tikteb l-età flimkien mad-data tal-mewt tiegħu jew tagħha. Insomma, ma' kull ħolma, kienet tabbina numri partikolari. L-anniversarji wkoll kellhom l-importanza tagħhom. Tista' tgħid li anniversarju ta' twelid jew ta' mewt kienu jżewqu numri differenti ta' kull ġimgħa. Missieri wkoll kien iħobb jieħu xi biljett imma ma kienx juri xi interess partikolari; ma kienx isammar widnejh mar-Rediffusion biex jisma' n-numri huma u telgħin. Imma, x'ħin jinżel isfel mir-raqda ta' waranofsinhar, bil-kalma kollha, kien jistaqsi: "X'telgħa?"

Il-ġimgħa filgħaxija jew is-Sibt filgħodu, ommi kienet tlesti karta żgħira bin-numri miktubin fuqha, ittini l-flus u tibgħatni għand Karmena tal-lottu biex tiktibhomlha. Karmena kienet is-sid tal-banka tal-lottu li kien hemm fi Triq il-Knisja, ħdejn il-bandli, żewġ kantunieri 'l bogħod minn fejn konna noqgħodu aħna. L-ewwel kamra tad-dar ta' Karmena, kamra bil-persjani, kienet isservi ta' banka tal-lottu. Kien fiha tliet postijiet fejn in-nies setgħu jinqdew u kju żgħir kien ġieli jinġabar wara kull post. Karmena kienet tkun dejjem hemm; b'dak it-toppu griż b'xagħrha dejjem f'postu. Bilqiegħda, dritta dritta, fin-nofs tħares minn taħt in-nuċċali, Karmena kienet tagħmilha ċara li hija kienet il-padruna assoluta tal-post. Jokkupaw iż-żewġ postijiet l-oħra, kien hemm żewġ xebbiet; jew uliedha stess jew xi qraba tagħha, biex jgħinuha. Karmena u t-tnejn l-oħra kien ikollhom qisu reġistru kbir tawwali maqsum fi tnejn u n-numri kienu jinkitbu darbtejn bl-idejn fuq kull parti biex il-biljett milgħub jingħata lill-ġugatur u l-mamma tibqa' għand tal-banka. Barra minn hekk, kienu jintużaw ukoll biċċtejn karta saħħara biex kull biljett li jimtela' iħalli l-oriġinali u żewġ kopji ħalli, wara li jagħlaq il-ħin għal-logħob imma qabel ma jitilgħu in-numri rebbieħa, kopja waħda tibqa' fil-banka, waħda tittieħed fid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku u l-oħra lid-Direttur tal-Verifika. Nhar ta' Sibt, il-banka ta' Karmena kienet tagħlaq fl-għaxra ta' filgħodu minħabba li Karmena kien ikollha tieħu l-mamma u l-kopji fid-dipartimenti tal-gvern, kif mitlub mir-regolamenti. Imbagħad, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija, Karmena kienet terġa' tiftaħ il-banka biex issarraf ir-rebħ.

Jekk ngħid is-sew, niftakar li, xi Sibt 'l hawn u 'l hinn, meta ommi jew missieri rebħu xi tliet liri permezz ta' ambu ta' tliet soldi u bagħtuna nsarrfuh. Meta kont għadni żgħir ħafna, kienu jibgħatu lil oħti Rose. Ommi kienet tgħid li, meta jitilgħu numri żgħar, ir-rebħ kien jaqbeż is-somma u d-dipartiment kien inaqqas ir-rebħ pro rata. Meta jiġri hekk, Karmena kienet toqgħod attenta biex ma tħallasx is-somma mirbuħa kollha mill-ewwel. Kienet tħallas parti minnha, tieħu d-dettalji ta' kemm tkun ħallset u lil min ħalli meta, jiem wara, toħroġ ir-rata tar-rebħ b'mod uffiċjali, tkun tista' tikkalkula iktar bl-eżatt u tħallas id-differenza lil min ikun rebaħ.
Mod ieħor kif stajt issarraf ir-rebħ kien billi tmur bil-biljett rebbieħ direttament id-Dipartiment tal-Lottu, l-Furjana. Minn hemm kont tieħu anki ftit iżjed għax, meta Karmena kienet issarraf ir-rebħ, hija kellha dritt għal kummissjoni żgħira filwaqt li d-Dipartiment ma kien iżomm l-ebda kummissjoni imma kien jibgħatlek ċekk bir-rebħ sħiħ xi tliet ġimgħat wara. Għal ommi, tliet ġimgħat tistenna rebħ żgħir u remot kienu twal wisq u, allura, kienet tibgħatna mill-ewwel għand Karmena.
L-aktar li kont niddejjaq kien meta ommi kienet tibgħatni għand Karmena l-Ġimgħa filgħaxija imbagħad, l-għada filgħodu, terġa' tibgħatni biex niktbilha xi żewġ numri oħra għax, matul il-lejl, tkun ħolmot b'xi ħaġa li ispirata għal-logħob. Is-Sibt kien ikun hemm kju twil u jien, fid-disgħa tal-filgħodu, kelli appuntament, li kont inkun ili nistennih minn ġimgħa qabel, għal-logħob tal-ballun fil-ground tal-bandli.
Niftakar li, darba waħda, għal-liema raġuni issa nsejt, jien u ħija Ronald kellna bżonn biċċa karta saħħara. Il-karta saħħara, dak iż-żmien, f'għajnejna t-tfal, kienet xi ħaġa meraviljuża għax tikteb jew tpinġi xi ħaġa u, permezz ta' dik il-karta kaħla jew sewda, ikollok kopja fidila. Ħija qalli biex immorru għand Karmena meta tkun se tagħlaq u nitolbuha biċċa karta saħħara mill-ħafna wżati li kienet tarmi. U hekk għamilna u rnexxielna nakkwistaw biċċa. Imma mnalla kien Ronald għax, kieku jien, kont nistħi nitlobha filwaqt li, għal daqshekk, ħija Ronald ma kienx hawn bħalu!

---

# Xi darba; meta ma jkollix x'nagħmel!



**Kitba ta' Lina Brockdorff**

Ġieli għedtha din il-frażi? Aktarx li, bħali, lissintha kemm-il darba meta xtaqt li stajt titlaq kollox minn idejk u tagħti l-attenzjoni kollha lil xi biċċa xogħol partikolari li ma tkunx ippjanata. Ngħidu aħna, qed tfarfar gradenza, ftaħt kemmxejn il-kexxun biex tilħaq sew ix-xfar tiegħu u, ma' wiċċek, tilmaħ gozz karti u rimiżolji mgezzin fuq xulxin bla ordni ta' xejn. Jidher ċar li dak il-kexxun qed jibki għal ftit attenzjoni. U, qisek biex tiskuża ruħek miegħu u, forsi, biex tikkunslah xi ftit ukoll, bis-sinċerità kollha tgħid: "Xi darba, meta ma jkollix x'nagħmel!"
Għax, ngħiduha kif inhi, veru li l-jum fih erbgħa u għoxrin siegħa imma ara kemm trid iddeffes u tlaħħaq ma' xorti f'dawn is-sigħat. Biex ma nsemmux il-ħin li qisek taħli fis-sodda, rieqda, jew meta suppost tkun rieqda, għax in-ngħas jaf jinkik għal ħin twil, sa ftit minuti qabel ma jkun wasal biex jaħsdek l-isveljarin u tkun tixtieq taqbdu u ssabtu mal-ħajt! Jew inkella kif, aktar ma jkollok x'tagħmel, il-ħin għandu ħabta jgħaġġel u jħallik bla nifs. Taf meta l-ħin ma jitħarrikx? Meta tkun tixtiequ jħaffef u jaħrab bħal, ngħidu aħna, meta tkun qed tistenna biex jarak id-dentist jew f'xi uffiċju fejn, qablek, ikun hemm serbut nies. U, dak il-ħin, mhux l-ewwel darba li, jaħasra, toħroġ tnehida minn qalbi: "Issa, kieku dal-ħin kont id-dar, ma kontx nibda dik il-ħasla ħwejjeġ? Jew niknes kinsa minn fuq s'isfel minflok li qiegħda hawn, qisni ċapsa; naħli l-ħin u ninnervja!"
Mela, ftit ilu, bit-tama li norganizza ftit aktar il-ħin li fih mingħalija rrid illesti kollox, fettilli noħlom nagħmel lista ta' kull ħaġa li dejjem inżomm f'rasi taħt is-suġġett: "Xi darba; meta ma jkollix x'nagħmel". U bdejtha l-lista u bdiet titwal mhux ħażin tant li, meta wasalt san-numru tletin qtajt qalbi. Għidt, "Għalissa, nieqaf hawn!" U kien fiha minn kollox din il-lista; ibda minn vetrini u armarji li ilhom ma jinfetħu żmien u spiċċa f'xi erba' pjanti nofshom mejta li hemm fil-bitħa li ilhom jistennew mhux biss li nibdlilhom il-qasrija u nżidilhom ftit ħamrija imma li nagħtihom is-sustanzi, niżbor minnhom xi zkuk, jekk mhux narmihom u nixtri oħrajn. Iva, tassew li kienet varjata din il-lista!
Bdejt nirraġuna li, jekk nibda nieħu ħsieb waħda minn dik il-lista kuljum, għandi nimxi 'l quddiem mhux ħażin għax, f'xahar, inkun lestejthom kollha. Tinstema' biċċa xogħol ħafifa tassew, mingħajr ebda kumplikazzjoni. Għamilt riżoluzzjoni li nibda mill-għada stess. Imma, l-għada, inzerta jum fejn it-telefonati ma riedu jaqtgħu b'xejn. Bilkemm inkun għadni poġġejt it-telefown f'postu u nipprova niftakar fejn kont wasalt fit-tisjir meta dritt jerġa' jċempel. Erġa'aħsel idejk, ixxuttahom malajr imqar fil-fardal basta nwaqqaf dak iċ-ċempil li jqabbadni sens ta' urġenza u jaf jinnervjani ġmielu. Dakinhar, żgur li ma sibtx ħin biex nibda l-proġett li kelli f'moħħi.

Lanqas fil-jiem ta' wara ma rnexxili nibda ningassa waħda kuljum minn fuq il-lista. Bdejt ninduna li mhux għalkemm ikollok rieda tal-azzar biex timxi fuq il-pjani li tkun fassalt. Ħsibt li, forsi, jekk nagħmel kompromess u, minflok waħda kuljum, jirnexxili llesti imqar waħda fil-ġimgħa, xi darba, nasal xi mkien. Bdejt fuq dan il-pjan imma rajtni miexja bil-mod wisq u bdejt naqta' qalbi. Tgħallimt li, xogħol bħal dan, irid isir xi darba li meta ma jkollix bżonn insajjar, ma jkollix fejn immur u meta t-telefonati jkunu mill-inqas.
Darba minnhom, konna ftehemna xi erbat iħbieb biex noħorġu sal-Mellieħa u nqattgħu jum flimkien. Għaliex le? Għażilna jum li fih ilkoll li aħna nistgħu nabbandunaw ix-xogħol tad-dar għal ftit sigħat. Kollox kien imħejji sa ma sebaħ jum maltemp u xita qliel u bdejna nċemplu 'l xulxin biex inħassru l-appuntament tal-Mellieħa. Ma ngħidlekx x'nervi ta' kelb qabduni. Kont diġà nħsilt u lbist u, jum qabel, mort nirranġa xagħri. Kienu għadhom id-disgħa ta' filgħodu u jien ma nafx x'ser nagħmel bija nnifsi għax, barra li ħassejtni ddiżappuntata li ma ħriġniex, il-fatt li kien maltemp, xejn ma beda jgħinni. Liebsa u lesta wara l-bieb meta kont żgura li mhux ser nixref barra mill-għatba. Ikel lest ma kellix imma ara taħseb li kont ser inqatta' jum żaqqi mal-kċina! Ġieni f'rasi li nbiddel u li, forsi, min jaf? Tgħid nipprova naqbad xi ħaġa minn dik il-lista li kont ħejjejt?
L-idea lqajtha b'idejja miftuħin. Imma ġara li, malli bdejt nirranġa l-ewwel kexxun, inħabbel moħħi x'ser nagħmel b'dawk is-salt ittri flimkien ma' gzuz ta' kartolini li kont ili ngħożż min jaf kemm, iċċassajt u ma kontx naf x'kelli nagħmel. Fuq kollox, dawk għal min qed nerfagħhom? Dejjem bil-wegħda li nerġa' naqrahom; xi darba! Għaddew għexieren ta' snin u din ix-xi darba ma waslet qatt sa dak il-mument. U dan għalfejn irrid nerġa' naqrahom? Xtaqt naqrahom? Għalfejn? Biex nibda nxerred salt dmugħ? Biex nerġa' niftaħ feriti li ħadu żmien twil biex fiequ? Ħaġ' oħra; la nitlaq jien, dawk l-ittri u kartolini ma jkunu jiswew għal ħadd! U bdejt inqatta' u nċarrat. Wara dak l-eżerċizzju li ħadli madwar sagħtejn, ħassejtni għajjiena wisq. Kull deċiżjoni tkiddek u tgħejjik, l-aktar meta, magħha, jkunu involuti l-emozzjonijiet. Żgur li, dakinhar, ma kontx ser inħares lejn xi kexxun ieħor.
Darb' oħra, sbaħt b'riħ qawwi u bi ftit tad-deni. Mela xogħol tad-dar ma xtaqtx naqla' wisq u, b'xorti tajba, kelli borma brodu tas-serduq fil-friġġ. Ħsibt li tkun idea tajba jekk nirranġa xi armarju jew xi kexxun ieħor. U, dik id-darba, qbadt l-armarju li nuża kuljum; fejn inżomm salt flixken, pakketti u vażetti żgħar tal-ħwawar tal-ikel u tal-ħxejjex aromatiċi flimkien ma' flixken taż-żejt u tal-ħall. L-armarju jinsab ftit fil-għoli u dirgħajja bdew jgħejjew sa ma ħriġt kollox. Armejt xi wħud li kienu skadew, ħsilt il-kumplament u erġajt daħħalt kollox f'postu. Sa ma lestejt, ħassejt rasi ddur bija u mort dritt fis-sodda.
Kien hemm darb'oħra meta kelli ċans ta' nofsiegħa biex nibda xi ħaġa imma, għal xi raġuni stramba, bdejt inġib salt skużi biex ix-xogħol ma nagħmlux. F'kelma waħda, ma kellix aptit. Għax jista' jkun ukoll li mhux ħin biss jeħtieġ li nsib imma wkoll il-burdata tal-aptit biex naqbad dik il-biċċa xogħol. Minn dak iż-żmien 'l hawn, irranġajt xi tliet postijiet oħra imma għadni biċċa lura sew biex illesti kollox. Inti jiġrilek bħali? Għandek lista ta' affarijiet li tixtieq tirranġa meta ssib il-ħin u, bħali, qed issibha bi tqila biex tfittex teħles minnhom? Jekk jirnexxilek issib soluzzjoni kif nistgħu induru dawk l-irkejjen li qed jinkwetawna, nitolbok tibgħat tgħidli malajr kemm jista' jkun u jien nibqgħalek obligata. Imma, m'hemmx bżonn issa; meta ssib il-ħin!

---

# L-Aħħar tad-Dinja

## Novella ta' Vincent Piccinino

*Meta taraw il-profanazzjoni u l-ħerba tat-tempju, fejn m'għandhomx ikunu, tagħrfu li s-siegħa tkun waslet. Ix-xemx tiddallam, il-qamar jitlef id-dija tiegħu u l-kwiekeb jibdew jaqgħu mis-sema, waħda waħda. Ħa jaħarbu mbagħad lejn id-dagħbien dawk li jkunu fil-għawġ!*
Għal ħin twil, baqa' ċċassat iħares lejn l-ittra li ġablu tal-posta mingħajr ma jaqraha; ma kellux għalfejn; kien ilu jistenniha; kien jaf x'fiha. *Jekk ma tonorax dan l-obbligu fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din l-ittra, il-Bank ma jkollu l-ebda għażla oħra ħlief li jieħu dawk il-miżuri li tippermettilu l-liġi biex iħares l-interessi tal-azzjonisti tiegħu.* Beda jħossu qisu kollox qed jaqa' madwaru. Iż-żwieġ tiegħu diġa' ma kienx feliċi. Tfal ma kellhomx u hu u l-mara kienu dejjem qishom kelb u qattus. It-tempju tiegħu kien ilu li ġie pprofanat u ġġarraf. Din kien jonqos issa!
Meta telaq minn fejn kien jaħdem biex fetaħ daqsxejn ta' negozju, martu wrietu biċ-ċar li xejn ma kienet taqbel. Biex tkompli tagħqad, ħtieġlu jissellef xi ħaġa mill-bank u, biex jagħmel tajjeb, uża d-dar li kienet parti mill-kommunjoni tal-akkwisti mingħajr ma qalilha u, issa, il-bank kien se jiddisponi minnha kif jidhirlu. Min jaf x'se tagħmel meta ssir taf! Għandha xi ddum tgħid! Seta' jibqa' ċert li għandha għomru kollu tgħajru u tumiljah li mhu tajjeb għal xejn. Ma ħassx li kellu kuraġġ biżżejjed biex jiffaċċjaha. Biż-żwieġ tiegħu imfarrak, bin-negozju li ħolom bih kontra l-parir ta' martu fallut u bil-bank jiġri warajh biex iħallas flus li huwa ma kellux, ra l-kwiekeb ta' ħajtu jaqgħu mis-sema waħda waħda; lemaħ it-tiġrif tat-tempju; fehem is-sinjali taż-żminijiet u għaraf li s-siegħa tiegħu kienet waslet. Ħa jaħarbu mbagħad lejn id-dagħbien dawk li jkunu

fil-għawġ!
Ma ra l-ebda dawl fit-tarf tal-mina. Kien ilu jħammem imm' issa qatagħha li ma jistax ikun jibqa' sejjer hekk. Fid-dagħdiha li kien fiha, fil-mewt ma kienx qed jara problema imma soluzzjoni. Min ilumu 'l bniedem? Hu biss jaf minn xhiex ikun għaddej; hu biss ikun jaf x'ikollu jissaporti; hu biss jaf xi jkun qed iħoss! Minn dak il-ħin 'l hemm, ma baqa' jara xejn iżjed quddiem għajnejh ħlief il-ħelsien sħiħ mid-dwejjaq kollha li ħakmuh.



Ma damx wisq biex iddeċieda meta, kif u fejn. Illejla, fil-garaxx, fejn ma jtellfu ħadd. L-ewwel imur fil-ħanut fejn ġieli waqaf jieħu xi żewġ grokkijiet, jixrob erba' sewwa ħalli, meta jasal il-waqt, il-kuraġġ ma jonqsux imbagħad ħa jiġru lejn il-ġenna mitlufa dawk li ma jafux fejn qegħdin!
Li ma kkalkulax hu li, meta tixrob aktar milli jmissek, ix-xemx tiddallam, il-qamar jitlef mid-dija tiegħu u l-moħħ ma jibqax jara l-affarijiet ċari daqs qabel. Grokk wara grokk, ħaraq nofs pakkett sigaretti. Is-soltu kien joqgħod attent biex ipejjep bil-qies. Imm' issa, fid-dawl ta' dak li kien biħsiebu jagħmel, ma kienx fadal iktar skop. Kull darba li jkun se jieqaf u jitlaq, jiġi xi jgħidlu, *"Ejja nieħdu ieħor tal-aħħar!"* Baqa' jixrob sa ma spiċċa qisu xkora patata u xi ħadd wasslu d-dar, lanqas jaf kif. Il-mara neħħietlu ż-żarbun u l-ħwejjeġ ta' fuq kif setgħet u marret torqod fl-i*spare bedroom*.
Qam tard filgħodu qisu xi ħadd għamel lejl sħiħ jipprattika l-katuba fuq rasu; qisu xorob gallun pitrolju u m'għoġbux; qisu qala' xebgħa nerv fuq għajnejh u ħalqu ħassu daqslikieku kien ħa xi erba' belgħat kolla tal-mastrudaxxi u kien għadu qed jomgħodha. Ftakar fil-bieraħ u, bil-mod il-mod, beda jirrejalizża li x-xemx reġgħat telgħat, bħas-soltu, u li d-dinja ma spiċċatx imma baqgħet iżżomm l-appuntament fl-orbita tagħha madwar ix-xemx. Jekk xejn, is-sebħ ta' jum ġdid u sabiħ jgħallmek li, wara kollox, m'hawn xejn fid-dinja li ma jirranġax ruħu. M'hemmx x'tagħmel; jaqbad u jgħidilha, dalgħodu stess, waqt il-kafe'. Issa tagħmel li trid u tgħid li trid; hi tgħid u hu jisma'. U, jekk ma jkunx jiflaħ jisma' iżjed, jitlaq 'il barra, kif dara jagħmel dan l-aħħar.
Kien diġa' ħa xi żewġ boqqiet u kien u kollox se jibda jispjegalha meta, "Għandi bżonn inkellmek," qaltlu. Ħa ftit tan-nifs għax b'hekk, seta' jipposponi għal ftit ħin ieħor dak li tant kien qed isibha diffiċli biex jgħidilha. "Ili ntellgħa u nniżżel," kompliet, "imma qatt ma sibt il-kuraġġ biex ngħidlek!"
"Mela x'reġa' ġara issa?" staqsieha.
"Iż-żwieġ tagħna mhu sejjer imkien;" qaltlu; "ilu mhu sejjer imkien!" Imbagħad, wara ftit, kompliet, "Jien għandi ħabib u kulma nixtieq issa hu li ngħaddi l-aħħar ftit snin ta' ħajti miegħu!"
Baqa' ċċassat iħares lejha iktar minn meta rċieva l-ittra mingħand l-avukat tal-bank. Għal mument, inħasad għax ħaseb li kienet se taqbadlu fuq il-bawxata tal-lejl ta' qabel meta ġabuh id-dar in-nies f'sakra ma jarax art. "Ma tgħid xejn?" qaltlu.
"Ilha sejra din l-affari?" staqsieha, iktar biex ikun qal xi ħaġa milli għax kien tassew jinteressah.
"Mhux importanti kemm ilha sejra!" ħatfitu. "Għal darba, ejja nagħmlu dak li hu sensibbli! Issa, jew naċċettaw separazzjoni bonarja jew ngħaddu mill-martirju billi noqgħodu nippurċinellaw telgħin u nieżlin il-qorti għalxejn."
*"Milli jidher, ippreparat ruħha sew kif se titkellem dil-wiċċ ta' xkupa!"* ħaseb waħdu. Ħa r-ruħ! Issa ħassu min fuq. Ma kellux għalfejn joqgħod jikxef għajnu u jgħidilha x'kien ħawwad. "Min hu? Nafu?" staqsieha.
"Tafu," weġbitu.
"Min hu?" ried jaf.
"Jekk twiegħedni li toħodha bil-kalma, ngħidlek."
"Inti lili qed tarani nitlef il-paċenzja?" qalilha. "Igħdli, min hu?"
"Patrick," temtmet.
Kważi tbissem, f'qalbu. "Patrick? Mur obsor għalih, eh!"
"Irid ikellmek," ittantat tgħidlu.
"Ukoll! X'tissuġġerixxi? Tgħid niltaqgħu il-*pub* u nħallaslu flixkun birra?" qalilha b'ton sarkastiku.
"Mhux ideja ħażina," weġbitu konvinta.
Irranġat kollox hi u ltaqgħu qishom kienu xi żewġ eks-allejati li waqgħu fi gwerra bierda. "Qatt ma stennejtha minnek," qallu.
"Il-bniedem m'għandux kontroll fuq il-ħwejjeġ tal-qalb," wieġbu Patrick. "Il-ħaġa ġrat, hekk, lanqas jien stess ma naf kif."
"Jiġifieri jien suppost li nikkonsla allura?" staqsieh b'ironija.
"Catherine qaltlek," reġa Patrick. "Hi ma trid xejn mingħandek ħlief li tħalliha titlaq bil-kwiet, mingħajr ma tagħmlilha xenati. Hi mhi qed tippretendi xejn. Meta titlaq, kulma tieħu magħha, huma ħwejjiġha u l-ftit dehebijiet li għandha."
Ma qal xejn. Għamel tabirruħu li qed jaħsibha. Ma riedx jaħtfu fil-kelma; ma riedx jurih li dan l-arranġament kien aktar minn aċċettabbli għalih.
"U jien suppost li ngħidilha grazzi, jiġifieri?" staqsieh.
"Isma'," reġa' Patrick meta rah indeċiż, "jien ma nħallikx b'xejn, ta!"
"X'jiġifieri?" tkerraħlu.
"Għaxart elef biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għad-danni li se ssofri?"
Ix-xemx iddawlet; il-qamar kiseb lura d-dija li kellu qabel u l-kwiekeb reġgħu sabu posthom fil-firmament. B'għaxart elef Ewro jista' jħallas id-dejn li kellu mal-bank u jerġa' jibda mill-ġdid. Ċiss, u jumejn qabel ħaseb li kienet se tispiċċa d-dinja! U kemm kien se jtihielhom b'irħis!



# TISLIBA Nru.94

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Ir-raġel tat-tiġieġa (6)
5. Jistrieħu fuqhom li rjus (6)
10. Gas ingliż! (3)
12. Aktar delikat (5)
14. Għamel hekk fi żmien il-ħsad (5)
15. Dan ta' Jannar ibża minnhu (4)
16. Aċċetta; Seraq (2)
17. Avvertiment; Reklam (5)
19. Xogħlu fuq il-baħar (5)
22. Assoċjati (8)
24. *Umiltà, Arroganza, Rivalità* (1.1.1.)
25. Kunjom li qatt mà jasal kmieni (6)
28. Reċipjent li jkun fiħ l-ikel biex jittiekel (5)
31. Vaganza (5)
33. tron; Aħmar imzejjen (7)
35. Tà għadd akbar (5)
37 Nota mużikali (2)
38. Eżerċtu (6)
39. Għalf għall-bhejjem (5)

**Weqfin:**
2. Raġunament falz (5)
3. Brajkwater (4)
4. Pastizz tond; Ħmerija goffa (7)
6. Xenqa (5)
7. Lquġħ kontra xi attakk (6)
8. Biddel kemm-il darba t-tabib (6)
9. Korrut (6)
11. Għajta tà uġigħ (3)
13. Fejn jinżamm l-inċens waqt xi ċerimonja (7)
18. Għan; Tir; Ambizzjoni (4)
20. Għasfura b'denb twil tpassi dħul ir-Rebbiegħa (7)
21. Lemħet (3)
23. Dawn imwielda ġo Napli (9)
26. logħob tal-karti f'sura tà maqrut (6)
27. Tà barranett (6)
29. Taqqaba tal-azzar (6)
30. Kiser il-liġi; Tqarraq (6)
32. Taqsima minn dramm (3)
34. Mhux biss; Minn fuq (5)
36. Ħabb (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 93 intrebaħ mis-Sinjura. A. Zammit - Hamrun **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 93**
**Mimdudin:** 1 nikket, 5 aspett, 10 ria, 12 ratal, 14 artna, 15 bram, 16 at, 17 lottu, 19 użati, 22 talibani, 24 sur, 25 astien, 28 nħass, 31 benna, 33 fratell, 35 amen, 37 hi, 38 tevere u 39 kanna.
**Weqfin:** 2 inkja, 3 kera, 4 trattat , 6 satal, 7 turran, 8 gamblu, 9 fradal, 11 ira, 13 latanja, 18 kiri, 20 assunta, 21 tut, 23 bandalora, 26 neruni, 27 naffar, 29 salami, 30 abitat, 32 arm, 34 emmen u 36 ehe .



# L-Anzjani fil-Bibbja



### Kitba ta' Anthony Mule' Stagno
### President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Sara u Abraham**

Koppja anzjani li dwarhom hemm ħafna stejjer fil-Ġenesi huma, bla dubju ta' xejn, Sara u Abraham. Kif ħafna minnkom ġa jafu, dawn kienu miżżewġin u ma setgħax ikollom tfal għax Sara kienet sterili. Sara tant kienet tħobb lil żewġha li, skont l-użanzi ta' dak iż-żmien, tagħtu lill-qaddejja (ilsira?) tagħha, Ħagar, biex ikollu eredi minnha. Imma dan kien meta kienu għadhom mhumiex anzjani; Abraham kellu biss ħamsa u tmenin sena meta kellu lil Ismael minn Ħagar. Dak iż-żmien, Sara kien għadu jisimha Saraj u Abraham kien Abram. Kien fi xjuħithom li Alla bidlilhom isimhom, sewwa sew meta qal lil Abram li ser ikollu tifel minn Saraj.

Ħaġa li dejjem affaxxinatni fil-ħajja ta' dawn iż-żewġ personaġġi hija ir-relazzjoni speċjali li kellhom m'Alla. Abraham kien jitkellem m'Alla qisu ma' xi ħabib u donnu Alla kien jikkumpatihom it-tnejn f'kollox, anki meta ddubitaw minnu.

Insibu li, meta Alla qal lil Abraham li ser ikollu tifel minn Sara, dan inxteħet wiċċu fl-art u daħak u qal, "Huwa wieħed ta' mitt sena jitweldulu t-tfal? U Sara, mara ta' disgħin sena, tista' tiled?" U ma nsibux li Alla nkorla miegħu. Aktar tard, insibu li Alla ltaqa' ma Abraham ħdejn l-għarix tiegħu u qallu, "Nerġa' niġi għandek bħal dan iż-żmien sena u, ara, Sara, martek, ikollha iben." U jkompli r-rakkont; "u Sara daħket f'qalbha u qalet: 'Wara li dbilt u sidi diġà xjieħ sa jkolli l-pjaċir?" Din id-darba Alla staqsa lil Abraham għaliex martu kienet daħqet imma hi ċaħdet li daħqet għax beżgħet u nerġgħu insibu li Alla njora n-nuqqas ta' fidi ta' Sara. Ħaġa oħra li nitgħallmu dwar Sara minn dan il-pass hu li kienet xi ftit jew wisq seksieka, jew kurjuża għax qagħdet tissemma x'inhuma jgħidu mill-bieb tal-għarix meta daħqet. Dan l-episodju seħħ sewwa sew qabel Alla qered lil Sodoma u Gomorra b'xita tan-nar.

Insibu li Alla ma riedx iżomm mistur minn Abraham x'kien sejjer jagħmel. Hawn ma rridux ninsew li Abraham kellu lil neputih, Lot, jgħix bil-familja tiegħu hemmhekk u forsi għalhekk issogra jipprova jsalva l-belt minn dik il-qerda. Tgħidilna l-Bibbja li Abraham beda jiġġebbed m'Alla biex ma jeqridx il-belt. Beda billi staqsieh jekk hux lest li jeqred lit-tajjeb mal-ħażin u jekk hemm ħamsin bniedem ġust f'nofs il-belt imissux jaħfer lill-belt kollha minħabba fihom. Alla wieġbu li, jekk hemm ħamsin ġusti fil-belt, ma jeqridhiex. Imma Abraham kien jaf li m'hemmx daqshekk nies ġusti f'dik il-belt u, għalhekk, niżżel in-numru għal ħamsa u erbgħin u meta Alla aċċetta reġa niżżlu għal erbgħin, imbagħad tletin u baqa nieżel sa għaxra. Imma, kif nafu, lanqas daqshekk ma kien hemm nies ġusti ġewwa Sodoma u nafu wkoll il-kumplament tal-istorja li l-belt ġiet meqruda wara li ħarġu minnha Lot u l-familja tiegħu; l-uniċi erba minn nies li kienu ġusti fil-belt kollha.

Sara ma tantx kienet mill-ħelwin. Kif ġa rajna, aktarx li kienet seksieka imma kienet ukoll xi ftit protettiva fil-konfront ta' binha, Iżakk. Insibu li, tant ħaqret lil Ħagar meta din tqalet minn Abram, li din ħarbet; għad li, hawn, Ħagar kellha wkoll xi ftit tat-tort għax bdiet trabbi ftit arja żejda. Imma, meta Sara kellha lil Iżakk, din bdiet tgħir għal Ismael, bin Ħagar, għax ratu qed jiġi stmat daqs binha Iżakk u rat kif għamlet u ġiegħlet lil Abraham ikeċċi lil Ħagar u l-binha biex dan ma jieħux sehem mill-wirt li hi rraġunat kellu jkun ta' binha biss.



M'inhix ser nirrakkonta l-istorja ta' kif Abraham kien lest jissagrifika lill-ibnu Iżakk fuq ordni t'Alla għax naħseb li din l-istorja hi magħrufa biżżejjed.

Sara mietet ta' mija u sebgħa u għoxrin sena u Abraham bkiha u għamlilha l-vistu. Imbagħad, xtara biċċa art biex jagħmel qabar u jidfinha. Hawn ukoll għandna storja li, forsi, ftit huma dawk li jafuha. Abraham talab lill-ulied Ħet biex ibiegħulu għalqa li kien fiha għar biex jagħmel qabar għal Sara. Din l-għalqa kienet ta' Għefron, bin Soħar, li kien ma' wlied Ħet u, meta sema' din it-talba, qal lil Abraham li hu kien lest itih l-għalqa b'xejn u qallu, "L-art tiswa erba' mitt xekel tal-fidda; x'inhi din is-somma bejni u bejnek? Mur idfen il-mejta tiegħek." Abraham aċċetta l-għalqa mingħand Għefron imma xorta tah l-erba mitt xekel tal-fidda li kienet tiswa u ġibed lill-ulied Ħet b'xiehda li l-għalqa xtraha.

Meta Iżakk laħaq l-età taż-żwieġ, Abraham bagħtu f'art twelidu biex isib mara minn hemm u jiżżewwiġha għax ma riedux jiżżewweġ Kananija. Abraham miet ta' mija u ħamsa u sebgħin sena u wliedu, Iżakk u Ismael, difnuh ħdejn martu Sara fil-qabar li Abraham kien xtara mingħand Għefron.

# Tgħid x'naqbad insejħilha?

**Kitba ta' Carmen Dimech**




Jgħidu li Lord Byron kien sejjaħ lil Malta, *an island of yells, bells and smells*. Imma, illum, dan m'għadux ireġi iktar. Allura jien x'se naqbad insejħilha?

Kont fuq l-ajruplan, ġejja minn btala qasira, inzertajt ħdejn it-tieqa, anzjuża biex infittex nilmaħ din in-naqra ta' blata ħelwa tagħna. Malli l-ajruplan beda jitbaxxa, stajt nosserva id-dominazzjoni tal-ħafna koppli u kampnari tant viċin xulxin. Iva, għidt f'qalbi; hekk nibda nsejħilha lil Malta tagħna; il-gżira tal-knejjes. Darba, wieħed Taljan qalli: kemm għandkom knejjes hawn Malta! U jien għidtlu: u intom m'għandkomx knejjes l-Italja wkoll? *Si, ma l Italia e grande*! weġibni. Bħal speċi, ried ifisser li, għaċ-ċokon tagħna, għandna wisq. U darb' oħra, il-*penfriend* tiegħi staqsietni jekk hux minnu li Malta għandna mat-tlett mija u ħamsa u sittin knisja. Jiġifieri, tista' żżur waħda differenti għal kull ġurnata tas-sena.

Kontu tafu, pereżempju, li, fil-Belt Valletta biss, hemm mat-tlieta u tletin bejn katidrali, knejjes u kappelli, tal-insara u mhumiex, kollha kantuniera bogħod minn xulxin? Ma titwemminx imma, jekk tmur tfittixhom, għandek tibqa' skantat. Għandek tgħid, kellha biċċa wġiegħ ta' ras mhux ħażin il-MEPA dak iż-żmien! Għax, ngħiduha kif inhi, mur ara kieku, pereżempju, lil ta' San Duminku toħorġilhom il-permess u lil ta' San Pawl tirrifjutahulhom. Ħoll xagħrek u ġib il-mantikilja kieku!

Ikun tajjeb kieku xi ħadd bħal Mario Coleiro jew Victor Scerri jagħmlu naqra riċerka forsi jilluminawna x'setgħu kienu r-raġunijiet li wasslu għall-bini ta' dawn l-imqades kollha fuq ilsien ta' art ta' kilometru kwadru. Tgħid il-Beltin ta' dari kienu daqstant għażżenin li ma ridux jimxu iktar minn kantuniera biex imorru l-knisja? Tgħid riedu jsibu l-knisja hekk kif joħorġu mill-bieb tad-dar? Tgħid minn hemm ġejja dil-marda moderna li kulħadd jippretendi li għandu jsib jipparkja l-karozza tiegħu quddiem il-bieb, u fid-dell? Jew forsi l-Beltin tal-imgħoddi kienu tant ġenerużi li, kull meta kienu jitilfu xi ħaġa għażiża għalihom, kienu jitolbu lil xi qaddis u jwegħduh li, jekk isibhielhom, jibnulu knisja? Jew forsi kienu tant devoti u skruplużi li, taħt l-ebda ċirkostanza, ma riedu jaslu tard għall-quddies? Jew forsi kull min kien jiġġieled mal-kappillan kien jitlaq u jibni knisja għalih? Ma nafx, imma, milli jidher, il-Beltin tal-qedem kellhom alla għalihom! Dal-knejjes kollha! Interessanti hux?

Mel' isimgħu waħda aqwa! Kif tidħol minn ħdejn Kastilja, tiġi fejn il-knisja tal-Vitorja. Quddiemha, għaxar metri bogħod, kemm taqsam it-triq, hemm il-knisja ta' Santa Caterina d'Italia. Jidħollok id-dubju jekk dak iż-żmien kinitx diġà bdiet dieħla l-użanza li tħallas ta' waħda u tieħu l-oħra b'xejn? Iva, hekk nibda nsejħilha lil Malta tagħna; **il-Gżira tal-Knejjes**.

Imma stenna ftit. Fi triqitna lura d-dar mill-ajruport, lil ibni l-kbir, li kien qed isuq, għidtlu, "Mela tlift it-triq? Hawn minn fejn għaddej?"

Qalli, "Għax hawn il-festa l-Gudja!"

"Mela Malta għandna l-festi!" għidtlu b'ton sarkastiku.

Ara kemm hawn parroċċi f'Malta u Għawdex; kollha jagħmlu l-festa lill-qaddis patrun tagħhom, u dan minbarra l-festi l-oħrajn kollha tat-tieni diviżjoni; il-festi sekondarji. U, din is-sena, jekk ma tagħlix, kellna wkoll il-festa l-kbira meta l-erba' qaddisin tal-Belt iddeċidew li joħorġu jagħmlu passiġġata flimkien madwar it-toroq tal-Belt u jiltaqgħu għal *get together* f'Misraħ San Ġorġ. Imma, kieku kienu dawn biss, kont nifhimha. Infatti, lil din l-art ħelwa nistgħu, faċilment, insejħulha wkoll il-gżira tal-festi għax, matul is-sena kollha, il-festi nivvintawhom. Issa anki lil San Patrizju tal-Irlanda bdejna niċċelebraw. Donnu li, bħala poplu, iddeċidejna li, dakinhar, nilbsu l-aħdar u nagħmlulu festa, avolja qisu mhux tal-familja. Xejn xejn ikollna ċans nixorbu xarba birra. Xi tgħid?

Jekk nirbħu l-league, nagħmlu festa; jekk nirbħu l-elezzjoni, nagħmlu festa. U x'ma niċċelebrawx? Il-Ħalloween? U mela le! It-*Thanks-giving* jonqos issa biss! Il-Belt ilha sena sħiħa għaddejja bil-festi tal-Valletta 2018 u, jekk Alla jrid, għandna l-wegħda li ma jieqfux għal li ġej.

U issa aħjar għax għandna iktar fejn niddevertu. Għandna l-Birgu Fest u l-Għana Fest, il-Ġenna ta' Ġonna u Żejt iż-Żejtun, il-Festa tal-Ħut u l-Festa tal-Ħobż, il-Festa taċ-Ċitru u l-Festa tal-Frawli flimkien mal-Festa taċ-Ċikkulata. Tassew li m'għandniex biex insewdu qalbna! Mhux bilfors? L-eżempju minn fuq ġej għax għandna xejn inqas minn ħames Festi Nazzjonali. Xi trid iktar? Min għandu l-bżar, ħa jroxxu u, min għandu l-għali, ikompli jżidu! Iva, naf x'insejħilha lil Malta; **in-Nazzjon tal-Festi.**

U issa, kif aħna hawn, nidħlu nieħdu xi ħaġa; xi tgħid? X'nieħdu? M'hawnx minn fejn! Kull fejn tara restoranti, pizzeriji, imwejjed barra u, Alla jbierek, kulħadd jiffoxxna u jibla'. Pajjiż tal-bigilla u tal-ħobż biż-żejt. Anki Angela Merkel ordnat waħda! Pajjiż tal-*hot dogs* u l-*hamburgers*, tal-*fish and chips* u tar-*wraps*, tal-kirxa u tal-bebbux, tal-isfineġ u tal-qassatat, tal-imqaret u tal-pastizzi. Anki lill-mexxejja Ewropej ħadnihom s'għand is-Serkin ħalli jagħmlulna riklam tajjeb f'pajjiżhom! Serrħu raskom għax żgur li mhux se naqgħu fl-anemija. Ħasra li ommi dejjem għallmitni biex ma niekolx fuq stonku vojt! Issa naf; lil Malta nibda nsejħilha, **il-Pajjiż tal-Ikel.**

Wasalna d-dar u l-ewwel ħaġa li għamilt malli dħalt ġewwa kienet li nixgħel it-television, biex naġġorna ruħi. X'insib? Iva, qtajtu, maratona ġbir ta' fondi. "Illaħwa," għedtilhom; "mela din għadha sejra, minn meta tlaqt?"

"Hux għadha sejra," qaluli; "din it-tielet waħda dil-ġimgħa."

Kif tista' ma tiġborx! Mhux kulħadd jiġbor? Il-Partiti Politiċi, il-Knisja, tal-*Community Chest Fund*, tad-Dar tal-Providenza, tal-Missjoni, tal-*Hospice*, Puttinu, biex ngħinu 'l dawk li jmorru għall-kura medika barra minn Malta, għax-xiri ta' tagħmir sofistikat għall-isptar, għat-twaqqif ta' djar fil-kommunità għal persuni bi ħtiġijiet speċjali, għas-santwarji tal-klieb u tal-qtates; għaliex le, imsieken? Mela dawk annimali! Ma nafx kif aħna l-Maltin għadna ma sibniex ruħna fil-*Guinness Book of Records* għall-ġenerożità kbira tagħna! Iva; iddeċidejt! Hekk nibda ngħid: **Poplu tal-Ġbir ta' Fondi.**

Imma, tgħid, liema naqbad nagħżel minn dawn kollha? Gżira tal-Knejjes, Nazzjon tal-Festi, Pajjiż tal-Ikel jew Poplu tal-Ġbir ta' Fondi? Kollha joqgħodulna. Taħsel tibda titħawwad, u dan huwa **Stat ta' Fatt!**